# NILĦQU LIVELLI ĠODDA

# STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAD-DIMENSJA

GĦALL-GŻEJJER MALTIN

**2024-2031**



Direttorat għall-Kura tad-Dimensja

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

servizz pubbliku



# Werrej



Daħla mill-Ministru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva u mis-Segretarju Parlamentari....4
Rikonoxximenti....7
Glossarju....8
Sommarju Eżekuttiv....10
Dimensja....13
Tipi ta' dimensja....13
Fatturi ta' Riskju modifikabbli....14
In-natura progressiva tal-kundizzjoni....14
Bidla demografika ta' Malta....16
Id-dimensja fil-Gżejjer Maltin....16
Infiq ekonomiku tad-dimensja....19
Id-Differenza li għandna bżonn nagħmlu....20
Għaliex neħtieġu Strateġija Nazzjonali dwar id-Dimensja?....21
Fejn ninsabu bħalissa?....22
Prinċipji ta' Gwida....23
Il-Viżjoni tal-Istrateġija....24
L-Isfidi li din l-istrateġija teħtieġ li tindirizza....25
L-Għan tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja (2024–2031)....26
Kif din l-istrateġija nħolqot....27
Ir-rwol tad-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja....27
Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija tad-Dimensja....28
Esperjenza minn persuna b'dimensja li żviluppat kmieni....29
Nissodisfaw il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi....30
Dimensja li tiżviluppa kmieni....30
Diżabilitajiet intellettwali u d-dimensja....31
Persuni LGBTIQ+ bid-dimensja....31
Migranti li jgħixu bid-dimensja....31
Qasam ta' Azzjoni 1: Nagħrfu u nifhmu d-dimensja....32
Qasam ta' Azzjoni 2: Innaqsu r-riskju....36
Qasam ta' Azzjoni 3: Dijanjożi f'waqtha....38
Qasam ta' Azzjoni 4: Ngħixu ħajja tajba bid-Dimensja....42
Qasam ta' Azzjoni 5: L-iżvilupp u edukazzjoni tal-ħaddiema....46
Qasam ta' Azzjoni 6: Kura tad-dimensja....50
Qasam ta' Azzjoni 7: Ir-riċerka u s-sistemi tal-informazzjoni....54
Nippjanaw it-triq 'il quddiem....58
Referenzi....60



# Daħla

## Onor Dr Jo Etienne Abela MD FRCS FEBS MPhil

Ministru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva

M'hemmx dubju lil-inċidenza tad-diversi forom ta' dimensja qed tiżdied internazzjonalment. Paradossalment, din ir-realtà tikkoinċidi mat-titjib globali fl-istennija tal-għomor. Sfortunatament, l-avvanzi fil-kura medika u t-trattamenti kurattivi għal bosta kundizzjonijiet li rajna dawn l-aħħar ftit deċennji, ma jirriflettux l-avvanzi fil-kura għad-dimensja. Kważi bil-moħbi, id-dimensja tibda tisraq lill-individwi għadd ta' memorji, relazzjonijiet, u l-identità personali. Mhix kumbinazzjoni li fis-sensiela famuża ta' Harry Potter, ta' J.K. Rowling, tintuża l-kelma "dimensja" biex jinħoloq terminu ġdid għal antagonisti maġiċi li jagħmlu proprju hekk. Hija ta' qsim il-qalb li tara lill-maħbubin, ħbieb, konoxxenti, u pazjenti jsofru mid-dimensja. Għalkemm hemm eteroġenità sinifikanti u varjazzjoni kbira fir-rata ta' progressjoni ta' din il-kundizzjoni, mhix sorpriża li ħafna minna nħossuna bla saħħa quddiem dak li hu meqjus bħala ineżorabbli. Il-veru ftit mediċini disponibbli ilhom jeżistu diversi snin u l-effikaċja tagħhom hija pjuttost modesta fl-aħjar u negliġibbli fl-agħar.

Dawn il-veritajiet m'għandhomx jaqtgħu qalb il-qarrejja anzi, jekk xejn, il-bnedmin eċċellaw f' tant sforzi li nirrifjuta nemmen li m'hemmx dawl f'tarf il-mina. Lura fis-sena 2000, meta x-xjentisti ddeċifraw il-ġenoma umana, ħafna minna għamlu previżjonijiet ottimisti - soluzzjoni għal kull diżordni medika magħrufa mill-bniedem dehret li kienet eżatt madwar il-kantuniera. Naturalment, issa kulħadd jaf li dan ma seħħx. Ikun iblah min jaħseb li l-kura għad-dimensja hija faċli li tinkiseb. Madanakollu, meta nħares lejn it-titjib kostanti fl-għażliet ta' kura għal kundizzjonijiet komuni bħall-kanċer tas-sider u tal-kolon, nara r-riżultati tal-aqwa mħuħ, xogħol iebes, sforzi kkonċentrati, u provi ta' skala kbira f'diversi ċentri. Essenzjalment is-somom kbar ta' flus li jintefqu fuq dawn il-kundizzjonijiet qed iħallu l-frott tagħhom. Għalhekk naħseb li r-riċerkaturi, il-gvernijiet u l-korporazzjonijiet kbar madwar id-dinja huma fid-dmir li jikkollaboraw ma' dan l-għan wieħed biss f'moħħhom - li jirbħu lid-dimensja! Jien ċert li żblokk kbir f'dan l-aspett ta' kura se jwassal għal diversi Premjijiet Nobelli.

Sadanittant, aħna obbligati li noffru l-aqwa standard ta' kura disponibbli billi nżommu mal-linji gwida moderni, insegwu protokolli adattati u naturalment nagħmlu l-ħaġa li tagħmel sens - nittrattaw lill-persuni li jgħixu bid-dimensja kif nittrattaw lill-għeżież u lill-qraba tagħna. L-għan ta' din l-istrateġija mġedda mhuwiex li nillimitaw l-operazzjonijiet tagħna iżda, li nqajmu kuxjenza, inżidu l-għarfien, li nwaqqgħu d-diskriminazzjoni kontra x-xjuħija u l-istigma marbuta magħha, li niġbdu u nżommu ħaddiema ddedikati, li nippromwovu stil ta' ħajja b' saħħitha u attiva, u li nistimulaw ir-riċerka.

Nixtieq ngħid prosit mill-qalb u nuri gratitudni lejn it-tim involut fil-produzzjoni ta' din l-istrateġija u lil dawk kollha li taw sehemhom qabel, waqt u wara l-proċess uffiċjali tal-konsultazzjoni pubblika. Għalhekk, dan id-dokument għandu sinifikat speċjali peress li wieħed mill-awturi hija persuna li hi stess qed tgħix bil-kundizzjoni u tadatta ruħha għaliha. Għaldaqstant, għall-inqas f'pajjiżna, din l-istrateġija żgur trid tikklassifika fost ix-xogħlijiet pedamentali f'dan il-qasam.





# Daħla

## Onor Malcolm Paul Agius Galea

Segretarju Parlamentari Anzjanità Attiva

Huwa ta' unur kbir li fl-ewwel ġimgħat tiegħi f'din il-kariga, naqsam magħkom xi ħsibijiet dwar l-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja għas-seba' snin li ġejjin. Minħabba li s-soċjetà tagħna qiegħda tevolvi f'waħda b'popolazzjoni li dejjem tixjieħ, jeħtieġ li s-servizzi tas-saħħa tagħna jadattaw irwieħhom għal din ir-realtà. Minbarra r-rabta diretta maż-żmien, id-dimensja u s-sottogruppi tagħha qed jiżdiedu wkoll fil-pajjiżi żviluppati għal għadd kbir ta' raġunijiet, inkluż esponiment akbar għal fatturi ta' riskju ċerebrovaskulari, bħall-ipertensjoni, id-dijabete, l-obeżità, u t-tipjip u x-xorb. Id-dimensja ma taffettwax biss lill-individwi li jgħixu biha, iżda lill-familji, il-komunitajiet, u n-nisġa tal-istruttura soċjali tagħna. Minħabba li l-prevalenza tad-dimensja dejjem qiegħda tiżdied, ninsab konxju wkoll dwar l-implikazzjonijiet ekonomiċi profondi kemm f'termini finanzjarji fil-kura tas-saħħa, kif ukoll fi produttività mitlufa, li jenfasizzaw l-urġenza li tiġi żviluppata strateġija robusta u inklużiva.

B'hekk din l-istrateġija hija pjan komprensiv li jkompli jibni fuq l-istrateġija preċedenti sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tad-dimensja f'pajjiżna. Din l-istrateġija tipprovdi wkoll il-qafas għat-titjib fil-kwalità tas-servizzi lokali għad-dimensja, filwaqt li tindirizza l-inugwaljanzi fis-saħħa f'dan il-qasam. Apparti progress gradwali ta' kwalità, li hu kruċjali fis-sistema tal-kura tas-saħħa li qed tespandi kontinwament f'pajjiżna, din l-istrateġija hi pass ieħor 'il quddiem sabiex nieħdu ħsieb il-benesseri tan-nazzjon tagħna. Dan id-dokument huwa eżempju ċar ta' kif il-politika u d-deċiżjonijiet kollettivi tagħna, għandhom ikunu bbażati fuq metodoloġija ċċentrata fuq il-persuna, sabiex inkomplu nimmiraw li ntejbu l-kwalità tal-ħajja kemm tal-persuni li jgħixu b' dawn il-kundizzjonijiet, kif ukoll tal-familji tagħhom.

Tabilħaqq, element impressjonanti ta' din l-istrateġija huwa li dan id-dokument inbena fuq l-empatija. Ħafna drabi s-settur mediku jagħmel enfasi enormi fuq il-mediċina, fuq it-teknoloġija, fuq ir-riċerka, fuq l-infrastruttura u fuq l-elementi kollha li huma kritiċi, u l-investimenti f'dawn l-oqsma ser jibqgħu jsiru. Minkejja dan, xi kultant, dawn jirrendu s-servizzi provduti inqas personalizzati, bl-individwi jkunu inqas mifhuma u anke f'xi waqtiet mhux milqugħa. Madankollu, bħala tabib tal-familja, rajt b'għajnejja stess l-importanza li nkunu viċin in-nies żgħar u kbar, viċin il-ġenituri, is-sħab u t-tfal ta' individwi affettwati mid-dimensja, filwaqt li nifhmuhom u nipprovdulhom empatija u appoġġ, bħala terapija komplementari għat-trattamenti l-oħra kollha. Din l-istrateġija mhix sempliċiment dokument; hija impenn biex titrawwem soċjetà li tivvalorizza u tappoġġja individwi li jgħixu bid-dimensja. Din l-istrateġija hi bbażata fuq riċerka rigoruża, analiżi, u fehim profond tal-esperjenza umana. Is-sejbiet ippreżentati hawnhekk jipprovdu pedament għal politiki li jmorru lil hinn mill-kura immedjata, bil-għan li jinħoloq ambjent li jippromwovi l-identifikazzjoni bikrija tal-kundizzjoni, it-trattamenti innovattivi u, fl-aħħar mill-aħħar, il-benesseri ta' dawk affettwati.

B'hekk, nixtieq nifraħ lill-Onorevoli Ministru Jo Etienne Abela, li mexxa dan id-dokument, u lit-tim fid-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja, li ħadmu bla heda biex iressqu strateġija riċerkata sew. Nirrikonoxxi u nirringrazzja wkoll il-kontribut imprezzabbli mill-esperti, minn dawk li jieħdu ħsiebhom, u minn dawk li jgħixu bid-dimensja. L-istejjer u l-esperjenzi tagħhom dawlu t-triq 'il quddiem, u ggwidaw l-iżvilupp ta' qafas li huwa kemm ta' kompassjoni kif ukoll pragmatiku. Se tkun il-missjoni tiegħi li niffaċilita u nappoġġja b'kull mod possibbli l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija fl-intier tagħha.



Din l-istrateġija dwar id-dimensja hija kontinwazzjoni tal-ewwel strateġija nazzjonali tal-Gżejjer Maltin — *Insaħħu l-Bidla (2015–2023)* u tibni fuq il-progress sod li sar matul l-implimentazzjoni tagħha.



# Rikonoxximenti

Dan id-dokument ta' strateġija ma kienx ikun possibbli mingħajr il-kontribut ta' diversi individwi li pprovdew l-opinjonijiet professjonali u l-kontribut tekniku tagħhom fil-fażijiet tal-iżvilupp. Ringrazzjament speċjali jmur lejn it-tim fid-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja li mexxa l-kompilazzjoni tal-istrateġija flimkien mal-kontribut mill-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija. Il-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija ltaqa' diversi drabi biex jiddiskuti l-viżjoni, l-oqsma ta' azzjoni u l-għanijiet tal-istrateġija u ta r-rakkomandazzjonijiet professjonali u imprezzabbli tiegħu dwar kull proposta ppreżentata f'dan id-dokument. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Gżejjer Maltin, il-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija inkluda persuna li żviluppat il-kundizzjoni tad-dimensja kmieni. Din il-persuna tat perspettiva unika u diretta tal-isfidi li l-persuni bid-dimensja jesperjenzaw. Il-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija kien jikkonsisti mill-membri li ġejjin.

Is-Sur Alex Gobey – *Direttur – Direttorat għall-Kura tad-Dimensja*

Prof. Godfrey Laferla – *Kummissarju għall-Anzjani*

Is-Sa Stephanie Kent – *Assistent Direttur – Direttorat għall-Kura tad-Dimensja*

Dr Mark Vassallo – *Konsulent fil-Ġerjatrija*

Dr Anthony Scerri – *Malta Dementia Society*

Dr Alexia Mercieca – *Perit*

Is-Sa Rita Vella – *Persuna li tgħix b'dimensja li żviluppat kmieni*

Is-Sa Rosylnn Vella – *Persuna li b'mod informali tieħu ħsieb persuna bid-dimensja*

Ninsabu wkoll grati għall-kontribuzzjonijiet siewja ppreżentati mill-Ministru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, Dr Jo Etienne Abela, Segretarju Parlamentari, Dr Malcolm Paul Agius Galea, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, Ms Christine Schembri u mil-Kap Eżekuttiv tal-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità Dr Renzo De Gabriele. Mingħajr l-opinjonijiet esperti, l-inizjattivi u l-appoġġ tagħhom, dan id-dokument ta' strateġija ma setax ikun possibbli.

# Glossarju



## Assessjar
Jirreferi għall-assessjar tal-istat mentali ta' persuna, test tal-kapaċità ta' persuna li taħseb, tfoss u tirreaġixxi għall-oħrajn. Huwa tabib li normalment iwettaq assessjar tal-istat mentali.

## Attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum (ADLs)
L-attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum (ADLs) ta' persuna jinkludu; li tiekol, tinħasel, iżżomm ruħha (*grooming*), tilbes u tagħmel il-bżonnijiet tagħha. Il-persuni bid-dimensja jista' jkollhom bżonn l-għajnuna biex iwettqu dawn il-kompiti. Mistoqsijiet dwar l-ADLs jgħinu biex jiġi deċiż liema tip ta' kura għandha bżonn din il-persuna.

## Ċentri ta' Attività tad-Dimensja (DACs)
Iċ-Ċentri ta' Attività tad-Dimensja (DACs) joffru lin-nies bid-dimensja l-opportunità li jissoċjalizzaw u li jipparteċipaw f'attivitajiet f'ambjent sikur.

## Dimensja
Id-dimensja mhijiex marda speċifika. Huwa terminu ġenerali li jiddeskrivi firxa wiesgħa ta' sintomi assoċjati ma' tnaqqis fil-memorja jew ħiliet oħra ta' ħsibijiet severi biżżejjed biex inaqqsu l-kapaċità ta' persuna li twettaq attivitajiet ta' kuljum. Il-marda tal-Alzheimer hija l-aktar tip komuni ta' dimensja.

## Dimensja li żviluppat kmieni
Id-dimensja li tiżviluppa kmieni taffettwa persuni iżgħar minn 65 sena. Ħafna nies li jiżviluppaw id-dimensja kmieni jkunu fl-erbgħinijiet u fil-ħamsinijiet. Dawn ikollhom familji, karrieri jew saħansitra jkunu huma stess li jagħtu l-kura meta jirċievu d-dijanjożi.

## Faċilità ta' kura fit-tul
Faċilità ta' kura fit-tul hija dar residenzjali jew dar tal-kura.

## Fatturi ta' riskju
Fatturi assoċjati ma' ċans akbar ta' żvilupp tad-dimensja; dawn jinkludu l-istil ta' ħajja, l-influwenzi soċjali, ekonomiċi, bijoloġiċi, mġiba u ambjent.



## Gruppi ta' sapport
Grupp ta' persuni li jgħixu bid-dimensja jew dawk li jieħdu ħsiebhom u jsibu faraġ f'xulxin billi jaqsmu l-esperjenzi, jipprovdu sapport u jagħtu pariri. Il-gruppi ta' sapport jistgħu jiltaqgħu wiċċ imb'wiċċ ma' dak li jmexxi l-grupp ta' sapport jew jiltaqgħu online.

## Ibbażat fuq l-evidenza
L-użu bir-reqqa, b'mod ċar u intensiv tal-evidenza eżistenti, ngħidu aħna, fl-iżvilupp ta' linji gwida, l-implimentazzjoni ta' interventi, u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar it-tipi ta' kura u terapiji li jirċievu l-individwi.

## Imġiba
Id-dimensja tista' twassal biex persuna taġixxi b'modi differenti u imprevedibbli. Xi individwi bid-dimensja jistgħu juru mġiba bħal aġitazzjoni, ripetizzjoni, alluċinazzjonijiet u suspetti.

## Il-marda tal-Alzheimer
Il-marda tal-Alzheimer hija tip ta' dimensja li tikkawża problemi bil-memorja, il-ħsieb u l-imġiba. Is-sintomi normalment jiżviluppaw bil-mod u jmorru għall-agħar maż-żmien, fejn isiru severi biżżejjed biex jinterferixxu mal-attivitajiet ta' kuljum.

## Ippjanar tal-kura minn qabel (Advanced Care Planning)
Proċess ta' riflessjoni dwar il-valuri personali, u diskussjonijiet ma' persuna sostituta li tieħu deċiżjonijiet dwar il-kura li l-persuna bid-dimensja li ma tkunx tista' tieħu deċiżjonijiet, tkun trid tirċievi.

## Kura akuta (kura fl-isptar)
Il-kura akuta tirreferi għal meta persuna tirċievi kura f'ambjent mediku bħall-isptar, kura intensiva jew kura fid-dipartiment tal-emerġenza.

## Kura ċċentrata fuq il-persuna
Approċċ għall-ippjanar u l-għoti tal-kura tas-saħħa bbażata fuq benefiċċju reċiproku fost dawk li jipprovdu l-kura u l-persuni li jirċievu l-kura. Il-kura ċċentrata fuq il-persuna tirrispetta u tirrispondi għall-preferenzi, il-ħtiġijiet u l-valuri tal-persuna li tirċievi l-kura.

## Kura paljattiva
Il-kura palljattiva hija kura medika speċjalizzata għal persuni li jgħixu b'mard serju. Din it-tip ta' kura hija ffukata fuq is-serħan mis-sintomi u l-istress tal-marda. L-għan huwa li titjieb il-kwalità tal-ħajja kemm għall-pazjent kif ukoll għall-familja.

## Kura personali
Persuni bid-dimensja jista' jkollhom bżonn l-għajnuna f'attivitajiet ta' kura personali, inkluż biex iżommu ruħhom (*grooming*), jinħaslu u jilbsu.

## Persuna li tieħu ħsieb il-pazjent
Kull min jipprovdi kura lil persuna bid-dimensja. Dawk li jieħdu ħsiebhom jistgħu jkunu membri tal-familja, ħbieb jew persuni professjonali li jieħdu ħsiebhom bil-ħlas. Dawk li jieħdu ħsiebhom jistgħu jipprovdu għajnuna full-time jew part-time lil persuna bid-dimensja.

## Teknoloġija ta' assistenza
Terminu ġenerali użat biex jiddeskrivi kwalunkwe apparat jew sistema li tippermetti lill-individwi jwettqu kompiti li kieku ma jkunux jistgħu jagħmlu waħedhom. It-teknoloġiji ta' assistenza jistgħu jżidu l-faċilità u s-sikurezza li bihom jitwettqu l-kompiti ta' kuljum.



# Sommarju Eżekuttiv

It-terminu "dimensja" jirreferi għal għadd kbir ta' mard ikkaratterizzat minn tnaqqis kostanti fil-kapaċitajiet konjittivi, bħall-memorja, il-ġudizzju, il-komunikazzjoni, u l-bidliet fl-imġiba severi biżżejjed li jaffettwaw il-funzjonalità ta' kuljum. Minħabba li l-popolazzjoni qed tixjieħ, in-numru ta' persuni bid-dimensja se jiżdied ukoll b'mod drammatiku. Fil-Gżejjer Maltin, l-istudji qed jindikaw li sas-sena 2050, 3% tal-popolazzjoni ser tkun qed tgħix b'xi forma ta' dimensja. Huwa evidenti mir-riċerka li din il-kundizzjoni hija emozzjonalment u finanzjarjament ta' piż għal dawk li għandhom id-dimensja kif ukoll għall-membri tal-familja tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom. Din l-istrateġija dwar id-dimensja hija kontinwazzjoni tal-ewwel strateġija nazzjonali tal-Gżejjer Maltin — Insaħħu l-Bidla (2015–2023) u tibni fuq il-progress sod li sar matul l-implimentazzjoni tagħha. Twettqet reviżjoni tal-għanijiet implimentati u ġew imfittxija prattiki ġodda bbażati fuq l-evidenza, sabiex l-għanijiet mressqa f'din l-istrateġija jkunu dawk li Malta teħtieġ fis-seba' snin li ġejjin biex tilħaq livelli ġodda f'dan is-settur tal-kura. F'dan id-dokument qed issir referenza għal gruppi speċifiċi ta' persuni bid-dimensja li l-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija qies li jeħtieġu attenzjoni speċjali minħabba d-differenzi fost il-komunitajiet preżenti fis-soċjetà tagħna. Ingħatat ukoll attenzjoni speċjali lejn l-inizjattivi biex jitnaqqas ir-riskju tal-kundizzjoni kif indikat mill-aħħar riċerka f'dan il-qasam. L-istrateġija jisimha "Nilħqu Livelli Ġodda" minħabba l-fatt li din l-istrateġija nazzjonali għandha l-għan li ttejjeb b'mod sinifikanti l-kwalità tas-servizzi u l-kwalità tal-ħajja ta' persuni li jgħixu bil-kundizzjoni fil-gżejjer Maltin. Din l-istrateġija għandha l-għan li tikseb dan billi taħdem fuq l-oqsma li ġejjin:

## Nagħrfu u nifhmu d-dimensja

Soċjetà favur id-dimensja hija ideali biex toħloq l-inklussività u l-aċċessibiltà f'ambjenti tal-komunità li jimmassimizzaw l-opportunitajiet għas-saħħa, l-involviment u s-sigurtà għal kulħadd. Dan se jissalvagwardja l-kwalità tal-ħajja u d-dinjità għall-persuni bid-dimensja, dawk li jieħdu ħsiebhom, u l-familji.

## Dijanjożi f'waqtha

Dijanjożi bikrija tiftaħ il-possibbiltà għal alternattivi ta' kura u trattament fil-futur. L-ippjanar bikri tal-kura huwa ta' vantaġġ kbir, għax persuna tkun għadha kapaċi tieħu deċiżjonijiet importanti dwar il-ħtiġijiet tal-kura u s-sapport, kif ukoll tiddeċiedi dwar il-flus u l-kwistjonijiet legali. L-użu tal-metodi dijanjostiċi avvanzati se jippermetti li individwi jiksbu informazzjoni, pariri u gwida pertinenti malajr kemm jista' jkun. Din l-istrateġija se tressaq għanijiet biex tgħin lill-popolazzjoni tikseb dijanjożi kmieni.

## Innaqqsu r-riskju

Riċerka riċenti qiegħda tindika li r-riskju ta' tnaqqis konjittiv u d-dimensja jistgħu jitnaqqsu billi jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni bħal; żieda fl-attività fiżika, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-obeżità, il-promozzjoni ta' dieti bilanċjati u tajbin għas-saħħa, il-waqfien mit-tipjip u l-użu tal-alkoħol, li persuna tinvolvi ruħha f'attivitajiet li jirrikjedu interazzjonijiet soċjali, il-promozzjoni ta' attivitajiet ta' stimolu konjittiv, il-prevenzjoni u l-kontroll tad-dijabete, il-pressjoni għolja, u d-dipressjoni. Inizjattivi li jenfasizzaw dawn l-iżviluppi ġodda, matul il-ħajja kollha se jgħinu lill-popolazzjoni tnaqqas ir-riskju li tiġi żviluppata l-kundizzjoni.

## Ngħixu ħajja tajba bid-dimensja

Meta l-kundizzjoni tibda tiggrava, hemm numru ta' modi differenti ta' kif tiġi promossa s-saħħa u anki strateġiji li jgħinu biex persuna tkun tista' tibqa' tgħix bl-aħjar mod. Dawn jistgħu jkunu l-aktar ta' għajnuna sabiex il-persuna tkun tista' tadatta għall-bidliet li jseħħu. Matul dan il-vjaġġ, hemm opportunitajiet sabiex jinstabu dawk is-servizzi li huma l-aktar adattati għall-ħtiġijiet tal-persuna u l-pjan tas-sapport sabiex il-familja tkun tista' tgħix tajjeb b'din il-kundizzjoni. L-istrateġija tressaq approċċ pożittiv li huwa ffukat biex jagħti l-għajnuna lill-persuni bid-dimensja u lill-familji tagħhom sabiex dawn ikunu jistgħu jgħixu bl-aħjar mod possibbli fil-preżenza ta' din il-kundizzjoni.



## L-iżvilupp u edukazzjoni tal-ħaddiema

L-iżvilupp u t-taħriġ ta' ħaddiema kapaċi u kompetenti li jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja u sapport lil persuni bid-dimensja, hija kwistjoni ta' importanza għas-saħħa pubblika. Din trid ukoll tindirizza b'suċċess l-effetti kumplessi u progressivi tad-dimensja fil-livelli kollha tas-soċjetà. L-istrateġija tressaq inizjattivi u għanijiet dwar kif in-nazzjon jista' jiżviluppa forza tax-xogħol li tkun kapaċi tipprovdi servizzi ta' kwalità għall-persuni bid-dimensja.

## Kura tad-dimensja

Matul il-vjaġġ tad-dimensja, kura integrata, kulturalment xierqa u ffukata fuq il-persuna tista' tiżgura li l-preferenzi tal-persuni bid-dimensja jiġu ssodisfati u li l-awtonomija tagħhom tiġi rispettata. Kura integrata għal kullħadd, f'kul fażi tal-kundizzjoni hija t-tip ta' kura li din l-istrateġija qed tirrakkomanda. Dan se jtejjeb b'mod sinifikanti l-kwalità tal-ħajja tal-individwi affettwati mill-kundizzjoni.

## Sistemi ta' riċerka u informazzjoni

Huwa meħtieġ li jsir monitoraġġ sistematiku u ta' rutina fil-livell tal-popolazzjoni sabiex tinġabar informazzjoni dwar sett ta' indikaturi tad-dimensja sabiex jittieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza bil-għan li jitjiebu s-servizzi u jiġi evalwat il-progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tad-Dimensja.

Din l-istrateġija nazzjonali dwar id-dimensja se tiġi implimentata fis-seba' snin li ġejjin u l-gvern se joħloq Kumitat Inter-Ministerjali, immexxi mill-Ministru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, li xogħlu se jkun li jikkoordina u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħha. Dan se jiżgura li l-azzjonijiet deskritti fis-seba' taqsimiet tal-politika jiġu implimentati b'mod effettiv u effiċjenti. Ser jittieħdu miżuri wkoll sabiex persuni bid-dimensja, persuni li jieħdu ħsiebhom, u membri tal-familja jkunu inklużi fil-proċess ta' implimentazzjoni. Dan ser isir billi jiġu evalwati l-prijoritajiet u jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni, skedi ta' żmien, u l-atturi ewlenin.



# Dimensja

Id-dimensja hija kundizzjoni li jaffettwa l-moħħ u fin-natura tagħha din tkun progressiva. Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO, 2023), id-dimensja hija kundizzjoni li tista' tiġi kkawżata minn għadd ta' mard li maż-żmien jeqred iċ-ċelloli tan-nervituri u jagħmel ħsara lill-moħħ, li tipikament iwassal għal deterjorament fil-funzjoni konjittiva lil hinn minn dak li jista' jkun mistenni mill-konsegwenzi tas-soltu tat-tixjiħ bijoloġiku. Id-dimensja hija terminu ġenerali għal diversi mard li jaffettwa l-memorja, abbiltajiet konjittivi oħra u mġiba li tinterferixxi b'mod sinifikanti mal-kapaċità ta' persuna li tagħmel l-attivitajiet tagħha tal-ħajja ta' kuljum. Għalkemm l-età hija l-aktar fattur ta' riskju b'saħħtu magħruf għad-dimensja, din mhijiex parti normali mix-xjuħija.

Minbarra s-sintomi konjittivi, individwi bid-dimensja jistgħu jiżviluppaw ukoll sintomi ta' mġiba u psikoloġiċi bħal diżinibizzjoni, delużjonijiet, alluċinazzjonijiet, aggressjoni verbali u fiżika, aġitazzjoni, ansjetà, u dipressjoni. Għalkemm individwi differenti jesperjenzaw id-dimensja b'mod differenti, il-fehim ta' kif il-marda tavvanza huwa kruċjali għall-ippjanar u l-għoti tal-ammont xieraq ta' kura kif ukoll għall-għoti ta' għajnuna lil dawk li jieħdu ħsieb lill-pazjenti u anki lill-pazjenti nfushom bil-għan li jiġu previsti l-bidliet li jseħħu maż-żmien. Id-dimensja hija kawża ewlenija ta' diżabilità u dipendenza fost l-adulti akbar fl-età madwar id-dinja, u għandha impatt sinifikanti mhux biss fuq l-individwi iżda wkoll fuq dawk li jieħdu ħsiebhom, il-familji, il-komunitajiet u s-soċjetajiet. Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), id-dimensja tammonta għal 11.9% tas-snin li persuni jkunu għexu b'diżabilità minħabba marda li ma titteħidx (WHO, 2018).

Barra minn hekk, id-dimensja ma taffettwax biss lill-anzjani. 9% tal-każijiet fil-fatt huma ta' dimensja li tkun żviluppat kmieni (l-iżvilupp ta' sintomi qabel l-età ta' 65 sena) (ADI & WHO, 2018). L-istudju minn Loy CT et al., (2014) wera rabta bejn il-bidu ta' problemi konjittivi u fatturi ta' riskju relatati mal-istil ta' ħajja komuni għal mard ieħor li ma jitteħidx. In-nuqqas ta' attività fiżika, l-obeżità, dieta mhux bilanċjata, is-sigaretti, l-alkoħol, kif ukoll id-dijabete u l-pressjoni għolja, huma kollha fatturi ta' riskju. Id-dipressjoni, livell ta' edukazjoni fqira, l-iżolament soċjali, u n-nuqqas ta' attività konjittiva huma fatturi oħra ta' riskju potenzjalment modifikabbli għad-dimensja. Barra minn hekk, hemm fatturi ta' riskju fil-ġenetika mhux modifikabbli li jżidu l-probabbiltà li persuna taqbadha d-dimensja.

# Tipi ta' dimensja

Hemm diversi tipi ta' Dimensja. Il-marda tal-Alzheimer (AD) tammonta għal madwar 70% tal-każijiet kollha tad-dimensja. Forom komuni oħra ta' dimensja jinkludu dimensja vaskulari, dimensja ta' *Lewy Body*, dimensja frontotemporali, u dimensja sekondarja għall-marda inklużi kundizzjonijiet newrodeġenerattivi oħra bħall-marda tal-Parkinson u Huntington, fost l-oħrajn. Mhuwiex rari li diversi tipi ta' dimensja jkunu jeżistu flimkien (dimensja mħallta), speċjalment fl-aħħar stadji tal-kundizzjoni. Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO, 2023), id-dimensja bħalissa hija s-seba' kawża ewlenija ta' mewt u waħda mill-kawżi globali ewlenin ta' diżabilità u dipendenza fost l-anzjani, fejn aktar nisa milli rġiel jiġu affettwati (Prince et al., 2015).

## Fatturi ta' riskju modifikabbli

Skont il-Kummissjoni ta' Lancet tal-2017 dwar il-prevenzjoni, l-intervent u l-kura tad-dimensja, hemm disa' fatturi ta' riskju potenzjalment modifikabbli għad-dimensja: livell baxx ta' edukazzjoni, pressjoni għolja, nuqqas tas-smigħ, tipjip, obesità, dipressjoni, nuqqas ta' attività fiżika, dijabete, u kuntatt soċjali baxx. Evidenza ġdida mill-aħħar rapport (Lancet, 2020) tappoġġja ż-żieda ta' tliet fatturi ta' riskju modifikabbli — il-konsum eċċessiv tal-alkoħol, il-korriment fir-ras, u t-tniġġis tal-arja. M'hemm l-ebda attività speċifika unika li tista' tipproteġik mid-dimensja. Madankollu, huwa rrakkomandat li tibqa' attiv b'mod konjittiv, fiżiku u soċjali, speċjalment iktar tard fil-ħajja. L-użu tal-*hearing aids* jidher li jnaqqas ir-riskju eċċessiv ta' telf tas-smigħ, u b'hekk potenzjalment inaqqas ir-riskju ta' dimensja. Eżerċizzju sostnut f'nofs ħajtek, u possibbilment aktar tard fil-ħajja, jipproteġik mid-dimensja, obeżità, dijabete, u mard kardjovaskulari. Id-dipressjoni tista' żżid ir-riskju ta' dimensja, iżda aktar tard fil-ħajja, id-dimensja tista' tikkawża dipressjoni. Għalkemm il-bidla fl-imġiba hija diffiċli u xi assoċjazzjonijiet jistgħu ma jkunux purament kawżali, li huwa ċar hu, il-fatt li kull persuna għandha potenzjal kbir li tnaqqas ir-riskju tad-dimensja.

## In-natura progressiva tal-kundizzjoni

Kull persuna bid-dimensja tesperjenza l-marda b'mod differenti, iżda numru sinifikanti ta' nies għandhom it-tendenza li jesperjenzaw proċess simili mill-bidu tal-marda sa' tmiemha. In-numru preċiż ta' stadji tal-kundizzjoni huwa kemxejn arbitrarju. Il-biċċa l-kbira tal-esperti jużaw mudell sempliċi bi tliet fażijiet (ħafifa, moderata u avvanzata), filwaqt li oħrajn sabu tqassim granulari bħala għajnuna aktar utli biex persuna tifhem il-progressjoni tal-marda. Id-dimensja fi stadju bikri ħafna, xi drabi tintilef jew tiġi ddijanjostikata ħażin, peress li hemm nuqqas ta' għarfien li spiss iwassal għat-twemmin li s-sintomi osservati huma parti mill-proċess normali tax-xjuħija. Sinjali komuni f'dan l-istadju jinkludu diffikultajiet tal-memorja għal żmien qasir, diffikultà fil-komunikazzjoni verbali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet, diffikultà fit-twettiq ta' attivitajiet kumplessi tal-ħajja ta' kuljum (ADL), u bidliet fil-burdata u fl-imġiba inkluż id-dipressjoni u l-ansjetà. Hekk kif il-marda tmur għall-istadju moderat tagħha, l-individwi jibdew jinsew aktar, ikollhom aktar diffikultà fil-komunikazzjoni, ma jkunux jistgħu jwettqu ADLs bażiċi u għalhekk ma jkunux jistgħu jgħixu b'mod indipendenti. Jistgħu wkoll juru mġiba mhux xierqa bħal jitilqu jimxu mingħajr direzzjoni (wandering), alluċinazzjonijiet, u diżinibizzjoni. Id-dimensja fi stadju avvanzat hija kkaratterizzata minn dipendenza totali. Id-diffikultà tal-memorja ssir severa u l-individwi affettwati ma jkunux jistgħu jagħrfu l-uċuħ u l-oġġetti familjari. Hemm ħtieġa akbar għal kura assistita minħabba diffikultà biex jibilgħu u l-inkontinenza. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, individwi bi stadju avvanzat ta' dimensja jsiru immobbli u l-bidliet fl-imġiba jistgħu jinkludu aggressjoni.



### TABELLA 1: POPOLAZZJONI MALTIJA ETÀ U ĠENERU

Sors: Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (2023)

| | | |
|---|---|---|
| 60+ | IRĠIEL: 60,906<br>NISA: 68,024<br>TOTAL: 128,930 | 24.8% tal-Popolazzjoni |
| 60-69 | IRĠIEL: 29,927<br>NISA: 29,799<br>TOTAL: 59,726 | 11.5% tal-Popolazzjoni |
| 65+ | IRĠIEL: 45,137<br>NISA: 52,505<br>TOTAL: 97,642 | 18.8% tal-Popolazzjoni |
| 70-79 | IRĠIEL: 22,776<br>NISA: 24,958<br>TOTAL: 47,734 | 9.2% tal-Popolazzjoni |
| 80+ | IRĠIEL: 8,203<br>NISA: 13.267<br>TOTAL: 21,470 | 4.1% tal-Popolazzjoni |
| 80-89 | IRĠIEL: 7,267<br>NISA: 10,993<br>TOTAL: 18,260 | 3.5% tal-Popolazzjoni |
| 90+ | IRĠIEL: 936<br>NISA: 2,274<br>TOTAL: 3,210 | 0.6% tal-Popolazzjoni |

## Bidla demografika ta' Malta

Skont l-aħħar ċensiment tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO, 2023), il-popolazzjoni residenti f'Malta kienet ta' 519,562. F'100 sena l-popolazzjoni rduppjat u iżjed matul seklu u kibret b'aktar minn 100,000 matul l-aħħar 10 snin. Matul l-aħħar 50 sena, il-popolazzjoni Maltija ta' 65 sena u fuqhom kibret b'mod sostanzjali minn 9.3 għal 18.8%, fejn żdiedet b'rata annwali u fl-2009 laħqet massimu ta' 4.47% fl-2009 u mbagħad naqset għal 1.39% fl-2022.

Il-fattur ta' riskju primarju li ma jistax jiġi modifikat għad-dimensja huwa l-età. Minħabba li l-istennija tal-għomor tal-popolazzjoni qiegħda tkompli tiżdied fl-Ewropa, qed tiżdied ukoll il-probabbiltà li n-nies jiżviluppaw din il-kundizzjoni. Matul dawn l-aħħar tliet deċennji, saru diversi studji fil-livell Ewropew biex tiġi stmata l-prevalenza tad-dimensja. Dawn jinkludu l-istudju EURODEM (aġġornat fl-2000), il-Kollaborazzjoni Ewropea dwar id-Dimensja (EuroCoDe; 2006–2008) u l-ewwel Azzjoni Konġunta tal-UE dwar id-Dimensja — ALCOVE (2011–2013). Tabella 2 turi l-prevalenza stmata tad-dimensja f'pajjiżi differenti tal-Unjoni Ewropea, inkluża Malta, fl-2018 u fl-2050.

## Id-dimensja fil-Gżejjer Maltin

L-għadd globali ta' persuni bid-dimensja f'Malta huwa mistenni li jiżdied b'aktar mid-doppju minn 6,552 fl-2018 għal 14,117 fl-2050. Dan jirrappreżenta żieda minn 1.38% tal-popolazzjoni fl-2018 għal 3.31% fl-2050 (Scerri & Scerri, 2012). Iż-żieda hija dovuta għal żieda sinifikanti fl-għadd ta' persuni li għandhom aktar minn 75 sena u b'mod partikolari dawk ta' aktar minn 85 sena, li hija mistennija li tittripla bejn l-2018 u l-2050.

### GRAFIKA 1: L-GĦADD TA' PERSUNI BID-DIMENSJA F'MALTA MILL-2018 SAL-2050




Sors: Scerri & Scerri (2012)



### TABELLA 2: PREVALENZA STMATA TAD-DIMENSJA F'PAJJIŻI DIFFERENTI TAL-UNJONI EWROPEA, FL-2018 U FL-2050.

| Pajjiż | Irġiel | Nisa | Total | % tal-popolazzjoni fl-2018 | % tal-popolazzjoni fl-2050 |
|---|---|---|---|---|---|
| L-Awstrija | 46,537 | 100,263 | 146,801 | 1.66 | 3.18 |
| Il-Belġju | 61,173 | 131,753 | 192,926 | 1.69 | 2.95 |
| Il-Bulgarija | 34,290 | 74,594 | 108,884 | 1.54 | 2.47 |
| Il-Kroazja | 19,535 | 46,341 | 65,876 | 1.60 | 3.06 |
| Ċipru | 3,744 | 6,345 | 10,088 | 1.17 | 2.44 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 46,338 | 103,295 | 149,633 | 1.41 | 2.65 |
| Id-Danimarka | 30,228 | 57,148 | 87,377 | 1.51 | 2.65 |
| L-Estonja | 5,375 | 17,567 | 22,942 | 1.74 | 3.06 |
| Il-Finlandja | 29,980 | 65,856 | 95,836 | 1.74 | 3.13 |
| Franza | 374,260 | 853,298 | 1,227,558 | 1.83 | 3.31 |
| Il-Ġermanja | 511,050 | 1,074,115 | 1,585,166 | 1.91 | 3.43 |
| Il-Greċja | 75,538 | 138,141 | 213,678 | 1.99 | 3.95 |
| L-Ungerija | 39,876 | 105,812 | 145,688 | 1.49 | 2.64 |
| L-Irlanda | 18,900 | 33,836 | 52,736 | 1.09 | 2.49 |
| L-Italja | 402,965 | 876,402 | 1,279,366 | 2.12 | 4.13 |
| Il-Latvja | 7,712 | 26,035 | 33,747 | 1.74 | 3.17 |
| Il-Litwanja | 11,783 | 37,174 | 48,957 | 1.74 | 3.67 |
| Il-Lussemburgu | 2,479 | 5,060 | 7,539 | 1.25 | 2.44 |
| **Malta** | **2,242** | **4,309** | **6,552** | **1.38** | **3.31** |
| In-Netherlands | 87,292 | 169,239 | 256,532 | 1.49 | 3.15 |
| Il-Polonja | 147,733 | 377,351 | 525,084 | 1.38 | 3.23 |
| Il-Portugall | 59,989 | 133,527 | 193,516 | 1.88 | 3.82 |
| Ir-Rumanija | 87,514 | 192,093 | 279,607 | 1.43 | 2.56 |
| Is-Slovakkja | 18,101 | 44,394 | 62,495 | 1.15 | 2.59 |
| Is-Slovenja | 10,061 | 24,076 | 34,137 | 1.65 | 3.40 |
| Spanja | 271,984 | 580,758 | 852,741 | 1.83 | 3.99 |
| L-Iżvezja | 58,222 | 110,021 | 168,243 | 1.66 | 2.63 |
| Ir-Renju Unit | 356,741 | 674,656 | 1,031,396 | 1.56 | 2.67 |

Sors: Alzheimer's Europe (2019)

Dawn l-istimi ġew riveduti fi studju aktar riċenti minn Grant Thornton Malta (2018), li kien jinkludi tbassir aġġornat tal-għadd ta' persuni bid-dimensja fis-snin 2020, 2030, u 2040. It-tabella ta' hawn taħt tagħti sommarju ta' dawn is-sejbiet aġġornati.

**GRAFIKA 2: PERSUNI BID-DIMENSJA SKONT IL-ĠENERU 2018, 2020, 2030, 2040**
Sors Grant Thornton Malta (2018)






## Infiq ekonomiku tad-dimensja

L-ispejjeż enormi tad-dimensja madwar id-dinja jpoġġu pressjoni kbira kemm fuq is-sistemi tal-kura kif ukoll fuq il-familji. Għalkemm il-biċċa l-kbira tan-nies bid-dimensja jgħixu f'pajjiżi bi dħul baxx u medju, l-ogħla spejjeż totali u għal kull persuna jidhru f'pajjiżi bi dħul għoli. Skont Wimo A et al., (2023), fl-2019, l-ispejjeż soċjetali globali annwali tad-dimensja ġew stmati għal US $1,313.4 biljun għal 55.2 miljun persuna bid-dimensja, li jikkorrispondu għal US $23,796 għal kull persuna bid-dimensja. Meta ġew analizzati, 16% tal-ispejjeż totali kienu jinkludu spejjeż mediċi ($213.2 biljun), 34% ($448.7 biljun) tal-ispejjeż totali kienu jinkludu spejjeż relatati mas-settur soċjali (inkluża l-kura fit-tul), u 50% tal-ispejjeż totali kienu diretti lejn il-kura informali ($651.4 biljun). Lokalment, m'hemm l-ebda studju disponibbli biex ikejjel l-ispiża tal-kundizzjoni, għalkemm huwa ċar li l-ispejjeż tal-kura u t-trattament fit-tul huma sinifikanti fuq il-pajjiż u fuq l-individwi li jgħixu bil-kundizzjoni u l-familji tagħhom.

Mingħajr dubju, id-dimensja għandha wkoll spiża fuq il-kwalità tal-ħajja tal-individwi affettwati direttament mill-kundizzjoni, dawk il-membri tal-familja u dawk li jieħdu ħsiebhom. Dawk li jieħdu ħsieb lil xi ħadd bid-dimensja jista' jkollhom effetti emozzjonali, fiżiċi u finanzjarji. Uħud mill-effetti jinkludu stress u ansjetà, dipressjoni, solitudni, nuqqas ta' kura personali, żieda fil-mortalità, stress kroniku, eżawriment, kumplikazzjonijiet finanzjarji, u sens ta' sodisfazzjoni li jiġi minn meta tkun tieħu ħsieb xi ħadd. Li tieħu ħsieb persuna bid-dimensja hija partikolarment ta' sfida, u tikkawża effetti negattivi aktar severi fuq is-saħħa minn tipi oħra ta' għoti ta' għajnuna/assistenza. Li persuna tieħu ħsieb ta' persuna bid-dimensja spiss iwassal għal stress kroniku, li jaffettwa ħażin is-saħħa fiżika u psikoloġika tal-persuna li tkun qed tieħu ħsieb lil dik il-persuna li tgħix bid-dimensja (Si-Sheng Huang, 2022). Studju lokali ta' Muscat u Scerri (2018) żvela li d-dipressjoni u l-piż esperjenzati minn dawk il-persuni primarji u informali li jieħdu ħsieb individwi bid-dimensja huma assoċjati b'mod qawwi mal-età, mad-diffikultajiet konjittivi, u mal-attivitajiet ta' għajxien ta' kuljum ta' dawk li jirċievu l-kura. L-istudju sab ukoll li strateġiji ineffettivi huma relatati ma' problemi emozzjonali, kwalità baxxa tal-ħajja, u l-piż esperjenzat minn dawk li jieħdu ħsiebhom.





# Id-Differenza li għandna bżonn nagħmlu



## Għaliex neħtieġu Strateġija Nazzjonali dwar id-Dimensja?

F'termini ta' politika u prattika, id-dimensja qed issir kwistjoni aktar sinifikanti li teħtieġ pjanijiet u strateġiji nazzjonali li jindirizzaw l-effetti soċjali, l-aspett tas-saħħa, kif ukoll ir-riżorsi u s-sapport meħtieġa għal dawk li għandhom id-dimensja u l-familji tagħhom. Minħabba li l-popolazzjoni f'Malta dejjem qiegħda tixjieħ, il-Gvern Malti qiegħed jirrikonoxxi li d-dimensja u l-mard assoċjat magħha huma ta' prijorità ewlenija sabiex tittieħed azzjoni fuqhom. Peress li frazzjoni konsiderevoli ta' nies bid-dimensja jintbagħtu għal servizzi ta' kura akuta fl-isptar, servizzi residenzjali, ta' *nursing* fit-tul, u ta' kura fil-komunità, id-dimensja għandha relevanza tremenda għas-saħħa, għall-aspett soċjali u għal dak ekonomiku tan-nazzjon tagħna. Politika nazzjonali dwar id-dimensja titlob aktar titjib fl-istandards tal-kwalità attwalment fis-seħħ għall-kura tad-dimensja u s-sapport ta' dawk li jieħdu ħsiebhom sabiex jiġu kkunsidrati u implimentati strateġiji li jiffaċilitaw stil ta' ħajja b'saħħitha, indipendenti u sigur għal kulħadd.

Il-persuni bid-dimensja għandhom ħtiġijiet kumplessi li huma ta' natura multidimensjonali u multifattorjali. Ir-rikonoxximent u l-indirizzar ta' dawn il-ħtiġijiet jeħtieġu sforzi koordinati fil-livelli kollha tal-gvern — is-setturi lokali, nazzjonali u pubbliċi. Il-ħolqien ta' Strateġija Nazzjonali huwa opportunità biex ikun hemm kollaborazzjoni mal-partijiet interessati u jiġu stabbiliti prijoritajiet għas-snin li ġejjin. Skont il-WHO (2018), il-produzzjoni ta' strateġija għad-dimensja tindika impenn politiku għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tad-dimensja bħala prijorità u tgħin fl-identifikazzjoni tal-ineffiċjenzi fis-sistema, tirrazzjonalizza t-twassil tas-servizzi, u tottimizza l-użu tar-riżorsi disponibbli.

Skont l-istimi ta' Scerri u Scerri (2012) fl-2050, l-għadd ta' persuni bid-dimensja f'Malta u Għawdex huwa mistenni li jiżdied għal 12,955 (3.26% tal-popolazzjoni). Iż-żieda fid-domanda għas-servizzi tal-kura tas-saħħa se tkun inevitabbli, b'riperkussjonijiet soċjoekonomiċi sinifikanti. Il-kura tad-dimensja għandha tkun waħda mill-ogħla prijoritajiet tas-saħħa fil-gżejjer Maltin bil-għan li jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet preżenti u futuri.

Dan il-pjan huwa mifrux fuq il-perjodu tas-seba' snin li ġejjin. Dan qiegħed jistabbilixxi viżjoni dwar kif il-persuni bid-dimensja jistgħu jgħixu ħajjithom kif ukoll l-aġġustamenti fis-soċjetà, fil-politika u fis-servizzi meħtieġa biex dan jiġi ffaċilitat. Il-politika tidentifika oqsma ta' prijorità li ser jgħinu lin-nies bil-kundizzjoni u lil dawk li jgħinuhom jibqgħu jimxu 'l quddiem, kif iddikjarat mill-persuni li jgħixu bid-dimensja u l-familji tagħhom. Seba' snin huwa perjodu twil ta' żmien u, filwaqt li t-titjib se jkun evidenti f'perjodu iqsar, aħna qegħdin inkunu realistiċi dwar l-ammont ta' żmien li se jkun hemm bżonn biex issir trasformazzjoni soċjali. Aħna nemmnu li din il-bidla se tkun waħda kumulattiva u inkrementali, li se tieħu ż-żmien biex tiġi implimentata u applikata fis-soċjetà tagħna.

# Fejn ninsabu bħalissa?

Malta kienet minn ta' quddiem fil-politika dwar id-dimensja u l-anzjanità attiva (Formosa u Scerri, 2020). Fl-2010, il-Grupp ta' Strateġija dwar id-Dimensja f'Malta (Malta Dementia Strategy Group) ħadem fuq rakkomandazzjonijiet għal strateġija dwar id-dimensja li ġew ippreżentati lill-awtoritajiet tas-saħħa ta' dak iż-żmien u fl-2015 is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u l-Anzjanità Attiva ta' dak iż-żmien ippubblika l-ewwel strateġija nazzjonali ta' Malta dwar id-dimensja bl-isem ta': *Empowering Change – A National Strategy for Dementia in the Maltese Islands* 2015–2023 (Scerri, 2015).

Din l-istrateġija hija kontinwazzjoni tal-istrateġija nazzjonali għal Malta u Għawdex, li stabbilit qafas inizjali sod ta' servizzi u kura. Mill-2015 'l hawn, ġew introdotti għadd kbir ta' servizzi u inizjattivi biex itejbu l-ħajja ta' dawk li jgħixu bil-kundizzjoni. Eżempji primarji ta' dawn l-iżviluppi kienu it-twaqqif tal-Linja Nazzjonali ta' Għajnuna għad-Dimensja (1771), il-formazzjoni tat-Tim ta' Intervent għad-Dimensja, iż-żieda fin-numru ta' Ċentri ta' Attività għad-Dimensja u reċentement, it-twaqqif tad-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja. Din l-istrateġija tirrikonoxxi l-ħidma mwettqa fl-ewwel strateġija u tirrifletti dwar it-triq 'il quddiem għas-seba' snin li ġejjin, abbażi tal-aħħar prattika bbażata fuq l-evidenza u l-isfidi mistennija.

Din it-tieni strateġija għad-dimensja fil-Gżejjer Maltin se tagħmel enfasi speċjali fuq il-prevenzjoni tal-kundizzjoni, ser tenfasizza approċċ tad-drittijiet tal-bniedem għall-kura tad-dimensja, u barra minn hekk se tagħti attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi ta' persuni fis-soċjetà tagħna. Dan ser jiżgura li nkomplu nibnu fuq il-pedamenti sodi stabbiliti fl-ewwel strateġija, u progressivament naħdmu biex inkomplu ntejbu l-ħajja ta' dawk il-persuni li jgħixu bid-dimensja.



# Prinċipji ta' Gwida

**Din l-istrateġija hija bbażata fuq diversi prinċipji ta' gwida li huma fiċ-ċentru ta' kull għan rakkomandat f'dan id-dokument.**

## Parteċipazzjoni

**Kull persuna għandha d-dritt li tieħu sehem f'għażliet li jkollhom impatt fuqha. Il-parteċipazzjoni trid tkun attiva, mingħajr spejjeż, u bi skop, filwaqt li tqis ukoll l-għarfien dwar l-aċċessibbiltà, bħall-aċċess għall-informazzjoni f'format u lingwa li tinftiehem.**

## Responsabbiltà

**Il-monitoraġġ komprensiv tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem huwa meħtieġ. Dan irid isir b'liġijiet, politika, proċessi amministrattivi xierqa, u mekkaniżmi ta' rimedju biex ir-responsabbiltà tkun effettiva.**

## Ekwità

**Skont perspettiva bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-preġudizzju fil-manifestazzjonijiet kollha tiegħu għandu jiġi illegali, imwaqqaf u eradikat. Barra minn hekk, l-individwi li huma l-aktar f'riskju u jesperjenzaw l-akbar ostakli biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għandhom jingħataw prijorità..**

## Awtorizzazzjoni

**In-nies għandhom jingħataw sapport adegwat fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom li jipparteċipaw fil-formazzjoni ta' liġijiet u regolamenti li għandhom impatt fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum. Fejn meħtieġ, in-nies għandhom jitħallew jasserixxu d-drittijiet tagħhom.**

## Legalità

**Id-drittijiet kollha tal-bniedem rikonoxxuti u awtorizzati legalment għandhom jinżammu, jiġu rispettati, u realizzati. Strateġija bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem għandha tirrikonoxxi d-drittijiet bħala drittijiet infurzabbli legalment u tkun marbuta kemm mal-leġislazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem domestika kif ukoll dik internazzjonali.**



## Il-Viżjoni tal-Istrateġija

# Li f'Malta u Għawdex, id-dimensja tiġi evitata u l-persuni bid-dimensja u dawk li jieħdu ħsiebhom, jgħixu tajjeb u jirċievu l-kura u s-sapport li jeħtieġu biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom b'dinjità, rispett, awtonomija u ugwaljanza.



## L-Isfidi li din l-istrateġija teħtieġ li tindirizza

*Hemm seba' sfidi ewlenin li rridu nindirizzaw tul din l-istrateġija:*

**1.** Irridu nkomplu nżidu l-għarfien u l-fehim tal-kundizzjoni, fl-ambjenti kollha u tul il-ħajja.

**2.** Evidenza li dejjem qiegħda tikber tissuġġerixxi li nistgħu nnaqqsu r-riskju li niżviluppaw id-dimensja billi nikkontrollaw fatturi ta' riskju modifikabbli. Din l-istrateġija se tkun qed tenfasizza l-ħtieġa li ssir ħidma fuq il-prevenzjoni u t-tnaqqis tar-riskju, biex jitnaqqas u jittardja l-għadd ta' persuni li jiżviluppaw il-kundizzjoni.

**3.** Irridu nkomplu naħdmu lejn dijanjożi f'waqtha fejn il-persuna tingħata l-aħbar b'tali mod li l-fokus ikun fuqha u tiġi offruta l-informazzjoni kollha meħtieġa u kura wara d-dijanjożi.

**4.** Fin-nuqqas ta' kura, il-persuni bid-dimensja għandhom jiġu mħeġġa jgħixu sew bil-kundizzjoni permezz ta' awtorizzazzjoni u kura ffukata fuq il-persuna. Irridu nkomplu nibnu fuq il-progress li sar fir-rigward tal-għoti tas-sapport wara d-dijanjożi u matul il-marda, irridu niżguraw b'mod konsistenti li s-sapport ikun verament iċċentrat fuq il-persuna u jkun flessibbli biex jitqiesu l-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi individwali.

**5.** Irridu nkomplu nedukaw il-forza tax-xogħol tagħna fil-kura tad-dimensja biex nipprovdu l-aħjar kura possibbli f'ambjenti differenti.

**6.** Irridu niżguraw li jingħata sapport iffukat fuq il-persuna, ikkoordinat u flessibbli għall-persuni li jgħixu bid-dimensja u l-persuni li jieħdu ħsiebhom f'firxa ta' ambjenti, inklużi ambjenti residenzjali u komunitarji. Dan is-sapport għandu jkun disponibbli b'mod konsistenti għal kull persuna li tgħix bil-kundizzjoni tad-dimensja u għal dawk li jieħdu ħsiebhom. Dan ifisser li għandna nkomplu nħaddnu l-proċess ta' tfassil mill-ġdid u trasformazzjoni tas-servizzi. Għandha tingħata aktar kura fil-komunitajiet tagħna, iżda rridu niżguraw ukoll li s-servizzi ta' kura paljattiva u fi tmiem il-ħajja għal persuni bid-dimensja jkunu flessibbli u jirrispondu għall-ħtiġijiet individwali.

**7.** Irridu ninvestu fir-riċerka lokali dwar il-kundizzjoni biex nibbażaw id-deċiżjonijiet skont l-aħjar evidenza disponibbli. Il-kollaborazzjoni ma' entitajiet ta' riċerka hija meħtieġa biex jiġu enfasizzati oqsma li huma ta' prijorità għal pajjiżna.

# L-Għan tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja (2024–2031)

**L-għan ewlieni tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja huwa li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-persuni bid-dimensja, ta' dawk li jieħdu ħsiebhom, u tal-familji tagħhom. Il-ħidma fuq l-għanijiet strateġiċi li ġejjin se tgħin biex jintlaħaq dan l-għan ambizzjuż. L-oqsma ta' azzjoni li ġejjin se jaġixxu direttament fuq l-isfidi li bħalissa qed jiffaċċjaw Malta u Għawdex fil-qasam tal-kura tad-dimensja:**






# Kif din l-istrateġija nħolqot

L-ewwel Strateġija Nazzjonali dwar id-Dimensja f'Malta ġiet fi tmiemha fl-2023, u immedjatament bdiet il-ħidma preparatorja biex twitti 'il quddiem lejn l-istrateġija li jmiss. Id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja (DCD) li għadu kif ġie stabbilit fi ħdan l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, kellu rwol ewlieni fit-tħejjija ta' din l-istrateġija u kkollabora minnufih mal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u ma' partijiet interessati ewlenin oħra biex jistabbilixxi l-istrateġija għas-seba' snin li ġejjin. Twettqet reviżjoni tal-progress li sar matul l-ewwel Strateġija dwar id-Dimensja għall-Gżejjer Maltin biex jiġu identifikati l-oqsma fejn sar progress sinifikanti u biex jiġu identifikati kwalunkwe nuqqasijiet li għandhom jiġu prijoritizzati fl-istrateġija li jmiss. Saret riċerka dwar ir-rakkomandazzjonijiet, il-linji gwida u l-iżviluppi l-aktar reċenti fil-kura tad-dimensja, prattikati minn pajjiżi differenti li huma meqjusin l-aqwa f'dan is-settur.

## Ir-rwol tad-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja

Fl-2023, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja (DCD) ġie stabbilit biex jipprovdi tmexxija għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Dimensja, sabiex il-persuni bid-dimensja jkunu jistgħu jgħixu sew, ikollhom servizzi u jingħataw sapport bl-aħjar mod possibbli, u jtejbu l-benesseri u d-dinjità tagħhom. Id-DCD għandu l-għan li jaħdem b'mod kollaborattiv mal-NGOs, servizzi privati u volontarji biex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Dimensja. Dan joħloq approċċ interkonness għall-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet, għoti ta' servizzi, edukazzjoni, u informazzjoni pubblika.

Id-DCD kellu rwol ċentrali fil-ħolqien ta' din l-istrateġija peress li kellu l-għan li jinfluwenza l-politika u l-prattika fil-kura tad-dimensja fil-Gżejjer Maltin. Dan twettaq permezz tal-promozzjoni tal-ħtieġa għal din l-istrateġija kif ukoll permezz tal-ħidma attiva fuq l-istrateġija u t-tmexxija tal-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija għad-Dimensja. Id-DCD kien strumentali wkoll biex jiġi ffaċilitat approċċ progressiv, bbażat fuq l-evidenza għall-iżvilupp ta' servizzi għad-dimensja u ta' sapport.

## Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija tad-Dimensja

Matul l-analiżi tal-implimentazzjoni tal-istrateġija preċedenti, saru diskussjonijiet mal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, u ġie deċiż li jinħoloq Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija għad-Dimensja biex tinkiseb l-opinjoni esperta tiegħu dwar l-ewwel abbozz tal-istrateġija. Id-diskussjonijiet ma' dan il-grupp żguraw li l-għanijiet u l-miżuri rakkomandati fl-istrateġija kienu bbażati fuq l-għarfien espert u l-esperjenzi tar-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati. Il-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija kien magħmul minn parteċipanti ewlenin li jirrappreżentaw lill-partijiet interessati ewlenin b'rabta mal-istrateġija. Il-grupp kien magħmul minn esperti li jaħdmu fil-qasam tal-kura tad-dimensja, rappreżentanti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi, persuni li jieħdu ħsieb persuni bid-dimensja, u persuni li jgħixu bid-dimensja. L-inklużjoni ta' persuni bid-dimensja fil-ħolqien tal-istrateġija hija l-ewwel waħda għall-Gżejjer Maltin. L-inklużjoni ta' persuna li tgħix bil-kundizzjoni ġabet perspettiva ġdida għall-formazzjoni tal-istrateġija. Din enfasizzat il-ħtieġa li wieħed jiffoka fuq approċċ aktar iffukat fuq il-persuna. Dan l-aspett mexxa lill-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija lejn strateġija li tiffoka fuq aspett umanistiku. Il-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija ltaqa' diversi drabi biex jiddiskuti l-istrateġija mad-DCD u ta *feedback* dwar il-prijoritajiet li kellhom jiġu enfasizzati. Il-kontribuzzjonijiet tal-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija kienu strumentali għall-ħolqien ta' strateġija olistika u effettiva li verament tippreżenta l-ħtiġijiet tan-nies affettwati direttament minn din il-kundizzjoni.

Aktar tard saret intervista kwalitattiva ma' membru tal-Grupp Konsultattiv dwar l-Istrateġija li qed jgħix b'dimensja li żviluppat kmieni, biex jinkiseb għarfien aktar fil-fond ta' din il-perspettiva unika. Matul id-dokument se jiġu maqsuma serje ta' kwotazzjonijiet u siltiet mill-perspettiva ta' persuna b'dimensja li żviluppat kmieni, biex tgħin lill-qarrejja jifhmu aħjar din il-perspettiva.



# Esperjenza minn persuna b'dimensja li żviluppat kmieni

Is-Sinjura Rita Vella qasmet l-esperjenzi ta' ħajjitha wara dijanjożi tad-dimensja u dwar kif ħasset li nbidlet ħajjitha. Tul dan id-dokument tiddeskrivi l-emozzjonijiet li esperjenzat wara d-dijanjożi u kif dan kellu impatt fuq il-ħajja tagħha ta' kuljum.

**"Għandi 54 sena. Jien l-iżgħar minn familja ta' disat (9) itfal. Ommi qabditha d-dimensja fl-aħħar stadji ta' ħajjitha. Ibni miet minħabba korriment f'moħħu waqt it-twelid. Minn dakinhar, ħajti bdiet tinbidel għall-aħjar għaliex permezz tiegħu kont kapaċi ngħin nies oħra fil-bżonn u nagħti s-sapport kull fejn ikun meħtieġ.**

**Minn dejjem kont nieħu gost inkun imdawra bin-nies. Għadni s'issa niftakarni nxejjer lin-nies għaddejjin waqt li ommi kienet tmexxini fil-pushchair fi triqitna għal għand in-nanna. Kelli l-opportunità li nivjaġġa f'postijiet 'il bogħod l-aktar mal-membri tal-familja tiegħi u żort diversi postijiet interessanti madwar id-dinja.**

**Bħalissa naħdem fi ħdan is-Servizz Pubbliku u parti minn xogħli huwa li nikkoordina avvenimenti u amministrazzjoni importanti.**

**Kont involuta wkoll f'xogħol volontarju ma' persuni b'diżabilità u attendejt programmi tal-UE għaż-żgħażagħ biex inwessa' l-opportunitajiet tagħhom u nħossni indipendenti. Kont involuta wkoll f'kumitat fi ħdan il-kunsill lokali tiegħi fejn konna norganizzaw attivitajiet sportivi għaż-żgħażagħ.**

**Inqis lili nnifsi xxurtjata li għandi sistema ta' sapport b'saħħitha ffurmata mill-familja, minn ħbieb kbar u mill-kollegi. Dawn kollha tawni sapport kbir minn kemm ilni li rċevejt l-aħbar ta' diqa li għandi d-dimensja."**

Miktub mis-Sa Rita Vella

## Nissodisfaw il-ħtiġijiet ta' gruppi speċifiċi

Hemm ħtieġa dejjem tikber li rridu nirrikonoxxu u niddedikaw attenzjoni speċjali lil gruppi speċifiċi ta' persuni li jgħixu bid-dimensja fil-komunitajiet tagħna. Il-politika fil-kura tad-dimensja teħtieġ li nkunu sensittivi għad-differenzi esibiti minn gruppi speċifiċi fis-soċjetà tagħna. Din il-politika tirrikonoxxi l-fatt li "daqs wieħed ma jgħoddx għal kulħadd", u l-gruppi speċifiċi li ġejjin ser jiġu enfasizzati sabiex jiġu rikonoxxuti u meqjusa b'mod xieraq. Wright u O'Connor (2018) indikaw li l-ewwel Strateġija Nazzjonali ta' Malta (2015) kellha nuqqas ta' attenzjoni lejn l-implikazzjonijiet għall-minoranzi etniċi, għall-persuni LGBTIQ+ jew għal gruppi emarġinati oħra, bħal dawk li jgħixu b'diżabilità marbuta mat-tagħlim u tipi rari ta' dimensja, kif ukoll nuqqas ta' attenzjoni lejn il-ħtiġijiet tagħhom.

In-nies dejjem qegħdin jadattaw aktar għall-kulturi, għall-valuri, għad-differenzi u għat-tradizzjonijiet ta' xulxin. Dan peress li s-soċjetà tagħna dejjem qiegħda ssir aktar diversa. Jeħtieġ li nimminimizzaw l-ostakli strutturali għall-parteċipazzjoni, għad-dijanjożi, għat-trattament, għas-sapport, u għall-kura, irrispettivament mill-etniċità, ir-razza, is-sess, l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabbiltà addizzjonali, jew id-diżabbilta' addizzjonali. Din l-istrateġija hija konxja ta' dawn id-differenzi u se tibqa' sensittiva u tifhimhom tul il-perkors tagħha.

## Dimensja li tiżviluppa kmieni

Persuni b'dimensja li tiżviluppa kmieni għandhom ħtiġijiet partikolari. Hemm aktar ċans li dawn ikunu:

- Impjegati u jkollhom obbligi finanzjarji meta jirċievu d-dijanjożi
- Aktar attivi, b'saħħithom, u fiżikament aħjar minn dawk li huma konsiderevolment akbar fl-età
- Għadhom jieħdu ħsieb lill-ġenituri tagħhom u/jew lil uliedhom.

Il-ħtiġijiet ta' persuni iżgħar fl-età bid-dimensja u l-familji tagħhom għandhom jiġu indirizzati b'mod speċifiku, u s-servizzi għandhom jiżguraw li jkunu konxji tar-riżorsi disponibbli għalihom. Biex jgħinu lill-impjegati, dawk li jħaddmu għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni xierqa. Huma għandhom ikunu kapaċi juru kif qed joffru assistenza lokali, adattata għall-età u sostanzjali, kemm jekk fil-forma ta' kura ta' matul il-jum, kura ta' *respite*, jew kura residenzjali fid-dar tal-persuna.



## Diżabilitajiet intellettwali u d-dimensja

Meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali, dawk b'diffikultajiet intellettwali għandhom aktar ċans li taqbadhom id-dimensja. Huwa stmat li persuna minn kull tlieta li tilħaq l-età ta' 50 sena u tbati bid-Down's Syndrome jaqbadha d-Dimensja (Alzheimer's Disease Association, 2023). Jista' jkun aktar diffiċli li tiġi ddijanjostikata persuna jekk diġà kellha problemi fil-memorja *short-term* jew biex tipproċessa l-informazzjoni. Persuna b'diffikultà biex titgħallem tista' ssibha aktar diffiċli li tesprimi l-esperjenza tagħha tas-sintomi minħabba kwistjonijiet ta' komunikazzjoni u riskju ogħla ta' problemi fis-sensi. Dan ifisser li trid tiżdied is-sensittività meħtieġa fid-dijanjożi u t-trattament ta' individwi b'diżabilitajiet marbutin mal-intellett u d-dimensja.

## Persuni LGBTIQ+ bid-dimensja

Individwi LGBTIQ+ li jkunu akbar fl-età huma aktar fiċ-ċans li ma jkunux miżżewġin, ikollhom inqas tfal u jgħixu waħedhom, għalhekk ikollhom inqas sapport mill-familja (Vella C., 2019). Xi persuni LGBTIQ+ jemmnu li s-servizzi mhumiex sensittivi għall-ħtiġijiet tagħhom, u l-membri ta' gruppi ta' sapport konvenzjonali jistgħu jesperjenzaw sens ta' aljenazzjoni. Studju reċenti minn Vella C. (2019) identifika lakuni fil-politika Maltija li ma jgħinux lill-persuni anzjani leżbjani u omosesswali biex jixjieħu f'ambjent sigur mingħajr preġudizzji u anke jesperjenzaw trattament ħażin. Ir-riżultati żvelaw ukoll modi li bihom servizzi jistgħu jissaħħu b'aktar għarfien dwar il-komunità LGBTIQ+. Is-servizzi għandhom jiżguraw li l-impjegati jkunu konxji u mħarrġa kif xieraq biex jipprovdu kura u sapport li jkun sensittiv u aċċettabbli għas-sesswalità u l-identità tal-ġeneru tal-persuna.

## Migranti li jgħixu bid-dimensja

Il-migranti li jgħixu fil-Gżejjer Maltin li jiżviluppaw forom ta' dimensja jeħtieġ li jkollhom aċċess faċli għas-servizzi t-tajba. F'xi kulturi u soċjetajiet, hemm stigma assoċjata mad-dijanjożi tad-dimensja li tista' twassal biex in-nies isibuha bi tqila biex ifittxu l-għajnuna. Is-servizzi li mhumiex maħluqa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti kulturali jew reliġjużi jistgħu jimpedixxu b'mod mhux intenzjonat lill-individwi, kif ukoll lill-familji tagħhom u lil dawk li jieħdu ħsiebhom, milli jirċievu assistenza. Is-servizzi għandhom ikunu konxji u mħejjija biex jindirizzaw ir-rekwiżiti tal-lingwa u l-komunikazzjoni tal-persuna peress li l-ħtiġijiet lingwistiċi tal-persuni li jgħixu bid-dimensja jistgħu jinbidlu meta tiggrava l-marda. Is-servizzi għandhom jiżguraw li l-kura, is-sapport u t-trattament mogħtija jkunu aċċettabbli minn perspettiva kulturali u li l-impjegati jkunu mħarrġa kif xieraq.

# Qasam ta' Azzjoni 1

## Nagħrfu u nifhmu d-dimensja

**Jeżistu ostakli għad-dijanjożi u l-kura minħabba s-suppożizzjoni li d-dimensja hija aspett inevitabbli tax-xjuhija aktar milli proċess ta' mard. In-nuqqas ta' fehim iwassal ukoll għall-istigma u d-diskriminazzjoni, kif ukoll biża' mid-dimensja. Barra minn hekk, kemm fil-komunità kif ukoll fil-faċilitajiet tal-kura, il-persuni bid-dimensja xi drabi ma jiksbux ir-rispett għad-drittijiet tagħhom.**



Il-programmi li jippromwovu l-għarfien dwar id-dimensja se:

- Jippromwovu fehim tajjeb tal-kundizzjoni tad-dimensja u s-sottotipi varji tagħha bħala mard kliniku.
- Inaqqsu l-istigma u d-diskriminazzjoni assoċjati mal-kundizzjoni.
- Jinformaw lin-nies dwar id-drittijiet tal-bniedem ta' persuni bid-dimensja u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.
- Itejbu l-kapaċità tal-popolazzjoni ġenerali li jagħrfu s-sintomi u s-sinjali bikrija tad-dimensja.
- Iżidu l-għarfien pubbliku dwar il-fatturi ta' riskju assoċjati mad-dimensja.

Biex jiġu żgurati l-kwalità tal-ħajja u d-dinjità għall-individwi bid-dimensja, dawk li jieħdu ħsiebhom, u l-familji, huwa ideali li jkun hemm soċjetà aċċessibbli għall-persuni bid-dimensja biex jitrawmu l-inklussività u l-aċċessibbiltà f'ambjenti tal-komunità li jimmassimizzaw l-opportunitajiet għas-saħħa, il-parteċipazzjoni u s-sigurtà għal kulħadd.

Ir-Riżultati soċjali u tas-saħħa mtejba li jirriflettu l-preferenzi u x-xewqat ta' persuni bid-dimensja jistgħu jiġu promossi permezz ta' kampanji ta' għarfien dwar id-dimensja u permezz ta' programmi apposta, li huma mfassla għall-kuntesti kulturali u fuq il-ħtiġijiet speċifiċi tal-komunità. Dawn l-inizjattivi jistgħu jtejbu wkoll il-kwalità tal-ħajja tal-persuni bid-dimensja, ta' dawk li jieħdu ħsiebhom, u l-komunità ġenerali. L-għarfien dwar is-servizzi disponibbli għall-persuni bid-dimensja u dawk li jieħdu ħsiebhom huwa essenzjali wkoll. Studju minn Spiteri C. u Scerri C. (2020) indika li għalkemm il-persuni li jieħdu ħsieb nies bid-dimensja b'mod informali użaw u kienu sodisfatti bis-servizzi li kienu disponibbli, għadd ta' servizzi speċifiċi għad-dimensja kienu għadhom meqjusa li mhux qegħdin jiġu utilizzati biżżejjed. Dan jindika li hemm lok għal aktar titjib f'dak li għandu x'jaqsam ma' għarfien dwar is-servizzi. Huwa strumentali li l-prattika tal-kura tad-dimensja u l-iżvilupp tal-politika jirrikonoxxu l-importanza li jinħoloq għarfien dwar il-kundizzjoni u s-servizzi relevanti disponibbli, peress li dan huwa komponent essenzjali biex titjieb il-kwalità tal-kura tad-dimensja fil-Gżejjer Maltin.

### Razzjonal

*Il-persuni bid-dimensja se jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-soċjetà u jottimizzaw l-awtonomija tagħhom permezz ta' involviment soċjali msaħħaħ jekk ikun hemm aktar konoxxenza, aċċettazzjoni u għarfien pubbliku dwar id-dimensja u s-servizzi assoċjati magħha.*

## Qasam ta' Azzjoni 1: Għanijiet

| | **Miżura** | **Partijiet ikkonċernati** | **Skeda taż-żmien** |
|---|---|---|---|
| 1.1 | Jiġu organizzati inizjattivi nazzjonali ta' għarfien dwar id-dimensja li huma speċifiċi għall-komunità u l-kultura Maltija u Għawdxija fi sħubija ma' persuni li jgħixu bid-dimensja, dawk li jieħdu ħsiebhom, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom, il-midja, u partijiet interessati rilevanti oħra. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, Organizzazzjonijiet mhux governattivi, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |
| 1.2 | Jiġi żgurat li l-pubbliku jkollu aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar id-dimensja bl-użu ta' tipi differenti ta' midja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, Organizzazzjonijiet mhux governattivi u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |
| 1.3 | Issir kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi biex isiru bidliet fl-ambjenti mibnija u dawk soċjali, bħall-provvista ta' faċilitajiet, oġġetti, u servizzi, biex isiru aktar kompatibbli mal-etajiet u favur d-dimensja u biex jiġu promossi r-rispett u l-aċċettazzjoni b'mod li jissodisfa l-ħtiġijiet ta' dawk li għandhom id-dimensja u dawk li jieħdu ħsiebhom, u b'hekk ikun hemm aktar parteċipazzjoni, sigurtà u inklużjoni. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, Organizzazzjonijiet mhux governattivi, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja* | Fi żmien 7 snin |
| 1.4 | Jiġu mħeġġa b'mod attiv ambjenti edukattivi biex joħolqu għarfien dwar id-dimensja, bl-użu ta' materjal xieraq għat-tfal tal-iskola. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, Organizzazzjonijiet mhux governattivi, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 1.5 | Jiġu pprovduti programmi li huma mfassla għall-kuntest Malti biex jippromwovu mġiba favur id-dimensja fis-setturi pubbliċi u privati, u li jkunu infurmati bl-esperjenzi tal-persuni bid-dimensja u dawk li jieħdu ħsiebhom. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, Organizzazzjonijiet mhux governattivi, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 1.6 | Issir ħidma bi sħubija ma organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaħdmu fil-qasam tad-dimensja, biex jiżdied l-appoġġ. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, Organizzazzjonijiet mhux governattivi u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |





Biex jiġu żgurati l-kwalità tal-ħajja u d-dinjità għall-individwi bid-dimensja, dawk li jieħdu ħsiebhom, u l-familji, huwa ideali li jkun hemm soċjetà aċċessibbli għall-persuni bid-dimensja biex jitrawmu l-inklussività u l-aċċessibbiltà f'ambjenti tal-komunità li jimmassimizzaw l-opportunitajiet għas-saħħa, il-parteċipazzjoni u s-sigurtà għal kulħadd.

# Qasam ta' Azzjoni 2

## Innaqsu r-riskju

**Evidenza li dejjem qiegħda tikber tindika rabta bejn id-dimensja u fatturi ta' riskju marbuta mal-istil ta' ħajja. In-nuqqas ta' attività fiżika, l-obeżità, id-dieta żbilanċjata, l-użu tas-sigaretti, l-abbuż tal-alkoħol, id-dijabete, u l-pressjoni għolja huma wħud minn dawn il-fatturi ta' riskju. Barra minn hekk, ġew identifikati fatturi oħra ta' riskju għad-dimensja li jistgħu jkunu kontrollabbli, li jinkludu l-iżolament soċjali, in-nuqqas ta' edukazzjoni, in-nuqqas ta' attività konjittiva, u d-dipressjoni. L-individwi u l-popolazzjoni jistgħu jiġu mgħammra aħjar sabiex jieħdu deċiżjonijiet aktar tajbin għas-saħħa u jadottaw drawwiet ta' stil ta' ħajja li jippromwovu s-saħħa billi jnaqqsu il-fatturi ta' riskju potenzjalment modifikabbli, li jibdew fit-tfulija, u jkomplu matul il-kors tal-ħajja.**

Hemm Hemm riċerka dejjem tikber li l-azzjonijiet li ġejjin huma protettivi u jistgħu jnaqqsu r-riskju ta' tnaqqis konjittiv u d-dimensja: iż-żieda fl-attività fiżika, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-obeżità, il-promozzjoni ta' dieti bilanċjati u tajbin għas-saħħa, il-waqfien mit-tipjip u l-użu tal-alkoħol, l-inkoraġġiment biex dak li jkun jinvolvi ruħu soċjalment, il-promozzjoni ta' attivitajiet ta' stimolu konjittiv, il-prevenzjoni tad-dijabete, l-ipertensjoni (speċjalment f'nofs il-ħajja), u d-dipressjoni.

### Razzjonal

*Ir-riskju li tiġi żviluppata d-dimensja jista' jitnaqqas, u l-progress tagħha jittardja billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-professjonisti tas-saħħa u tal-kura soċjali li jedukaw lill-pubbliku dwar il-fatturi ta' riskju modifikabbli għad-dimensja. Dan jeħtieġ li jitwettaq permezz ta' interventi bbażati fuq l-evidenza, multisettorjali, xierqa għas-sessi u anki xierqa kulturalment.*



## Qasam ta' Azzjoni 2: Għanijiet

| | Miżura | Partijiet ikkonċernati | Skeda taż-żmien |
|---|---|---|---|
| 2.1 | Jiġi żgurat li l-istrateġiji għat-tnaqqis tar-riskju bbażati fuq l-evidenza jiġu inklużi fil-programmi relevanti għall-promozzjoni tas-saħħa pubblika. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 2.2 | Jiġi żgurat li l-popolazzjoni ġenerali tkun konxja tal-miżuri li tista' tieħu biex jitnaqqas ir-riskju tad-dimensja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva, is-Servizz tas-Saħħa Pubblika u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 2.3 | Jiġi żgurat li l-persuni bid-dimensja jirċievu pariri dwar il-bidliet li jistgħu jagħmlu biex iżidu s-saħħa u l-benesseri ġenerali tagħhom. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 2.4 | Jinħolqu, jiġu pprovduti u jiġu dissimenati interventi u taħriġ li huma appoġġjati minn evidenza, għall-professjonisti tas-saħħa, biex itejbu l-għarfien, u jamministraw b'mod proattiv il-fatturi ta' riskju modifikabbli tad-dimensja fil-prattika tagħhom. Dawn it-trattamenti jeħtieġ li jiġu aġġornati b'mod regolari. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |

# Qasam ta' Azzjoni 3

## Dijanjożi f'waqtha

**"... Ġejt mgħarrfa li għandi d-dimensja ftit tax-xhur ilu. Kont ħassejt li hemm xi ħaġa li nbidlet f'ħajti. Darba minnhom, waqt li kont qed insuq il-karozza, sibt ruħi f'post 'il bogħod ħafna minn fejn suppost kelli mmur. Hawn irrealizzajt li jeħtieġ li nfittex għajnuna professjonali. Wara ħafna testijiet eċċ, il-konsulenti tiegħi qaluli li għandi d-dimensja u li m'hemm xejn x'jistgħu jagħmlu biex itejbu l-kundizzjoni."**

Kitba tas-Sa Rita Vella



Ir-reazzjonijiet għal dijanjosi ta' dimensja jistgħu jvarjaw minn xokk u dwejjaq estrem għal rabja u disprament minħabba li l-kwalità tal-ħajja tal-persuna tinbidel b'mod drammatiku b'din l-aħbar. Iżda jista' jkun ukoll ta' serħan għal ħafna ta' persuni. Dijanjożi tista' toffri l-ispjegazzjonijiet li tant ilhom meħtieġa għal memorja li qed tiddeterjora, problemi fil-komunikazzjoni, u problemi fl-imġiba.

Dijanjożi bikrija tagħmel possibbli l-għażla ta' kura u trattamenti li jkun jixtieq il-persuna. Dijanjożi bikrija hija ta' benefiċċju ukoll f'dak li huma pjanijiet għall-futur, bħal ħtiġijiet ta' kura u sapport, kif ukoll għażliet rigward il-flus u kwistjonijiet legali. L-użu ta' tekniki dijanjostiċi ġodda se jippermetti lill-persuni, jirċievu l-għarfien, il-pariri u d-direzzjoni relevanti kemm jista' jkun kmieni. L-istudju ta' Frisoni GB et al. (2017) enfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati algoritmi dijanjostiċi li jinkludu l-iżvilupp ta' linji gwida kliniċi għall-użu ta' *biomarkers* fi kliniċi tal-memorja kwalifikati biex tinkiseb dijanjożi f'waqtha u preċiża.

Waħda mill-kawżi ta' dijanjożi tard huwa n-nuqqas ta' taħriġ tas-sintomi bikrija tal-kundizzjoni, kemm matul l-edukazzjoni medika tal-professjonisti li għadhom ma ggradwawx kif ukoll matul il-karrieri professjonali tagħhom. Ir-restrizzjonijiet tal-ħin, il-niħiliżmu tat-trattament, u l-inadegwatezza tal-metodi dijanjostiċi eżistenti huma fost fatturi oħra (Scerri, 2018).

Studju sinifikanti dwar il-vantaġġi ta' dijanjożi bikrija juri li meta persuna tingħata d-dijanjosi, din tieħu xokk kbir u jkollha wkoll sens ta' rabja u niket (ADI, 2011). Madankollu, ladarba jonqos ix-xokk inizjali, id-dijanjożi ta' spiss titqies bħala "esperjenza pożittiva" minn persuni li jgħixu bid-dimensja u l-maħbubin tagħhom. Il-mod kif persuna bid-dimensja tiġi infurmata dwar id-dijanjożi tagħha u l-kwalità tal-kura li tiġi offruta lilha u lill-familja tagħha wara d-dijanjożi huma fatturi kruċjali biex jiġi determinat kif din se tirreaġixxi. F'Malta u Għawdex, it-tobba tal-kura primarja jkunu l-ewwel punt ta' kuntatt għal individwi li jissuspettaw telf ta' memorja. Madankollu, huma spissi l-każijiet fejn dawn ma jindunawx bis-sinjali bikrija tad-dimensja, u dan iċaħħad lill-pazjenti tagħhom minn dijanjożi preċiża. Waħda mill-kawżi sottostanti ta' dan hija n-nuqqas ta' taħriġ dwar kif dawn jagħrfu s-sintomi bikrin, kemm matul l-edukazzjoni medika ta' qabel jiggradwaw kif ukoll matul il-karrieri professjonali tagħhom. Ir-restrizzjonijiet tal-ħin, in-nuqqas ta' rieda li tiġi rikonoxxuta u rrapportata d-dimensja, in-niħiliżmu tat-trattament, u l-inadegwatezza tal-metodi dijanjostiċi eżistenti huma fost id-diversi fatturi oħra li jwasslu għal dan in-nuqqas (Scerri, 2018).

Għalhekk huwa importanti li d-dijanjożi tad-dimensja tingħata lill-pazjenti u lill-familja tagħhom b'mod kostruttiv, biż-żmien allokat biex jiġi indirizzat kwalunkwe tħassib u biex jingħata serħan u sapport. Hemm iżjed ċans li l-persuna tħossha aktar responsabbli u kapaċi li tieħu deċiżjonijiet meta l-aħbarijiet tad-dijanjożi jingħataw kif suppost. Persuna li turi sintomi tad-dimensja jista' fil-fatt ikollha kundizzjoni li tista' tiġi trattata, u persuna bid-dimensja tista' tikseb biss il-kura u s-sapport xieraq wara d-dijanjożi, għalhekk il-vantaġġi ta' dijanjożi bikrija jegħlbu bil-kbir dawn l-ansjetajiet.

### Razzjonal

*Il-kisba ta' dijanjożi bikrija tista' tgħin lill-persuni bid-dimensja biex ikollhom aċċess għal informazzjoni, riżorsi u sapport eilevanti, jagħmlu l-aħjar użu mill-kapaċitajiet tagħhom u potenzjalment jibbenefikaw minn għażliet ta' kura bil-mediċini jew mingħajrhom. Dijanjożi bikrija tagħti lill-professjonisti l-opportunità li jispjegaw lill-familja u lill-ħbieb il-bidliet li qed iseħħu u li se jseħħu f'ħajjithom.*

## Qasam ta' Azzjoni 3: Għanijiet

| | Miżura | Partijiet Ikkonċernati | Skeda taż-żmien |
|---|---|---|---|
| 3.1 | Jiġi żgurat li kemm jista' jkun nies jirċievu dijanjożi bikrija fil-progressjoni tal-kundizzjoni. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, Id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |
| 3.2 | Issir ħidma mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu identifikati u użati l-għodda ta' assessjar tad-dimensja l-aktar robusti u klinikament ivvalidati għall-kuntest lokali. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |
| 3.3 | Il-ħolqien ta' proċeduri li jinkorporaw r-rakkomandazzjonijiet tal-aħjar prattika għad-dijanjożi u l-klassifikazzjoni tad-dimensja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 3.4 | Jiġi żgurat li kull persuna li jkollha dijanjożi tad-dimensja tirċievi pakkett ta' informazzjoni mfassal apposta f'format aċċessibbli, inkluż għażliet diġitali, u jiġi offrut aċċess ta' appoġġ. | *IIl-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 3.5 | Jiġi żviluppat l-għarfien u l-kapaċitajiet ta' professjonisti ġenerali u speċjalizzati involuti fil-proċess dijanjostiku biex tiġi pprovduta kura tas-saħħa u soċjali bbażata fuq l-evidenza, kulturalment aċċettabbli, u orjentata lejn id-drittijiet tal-bniedem. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |
| 3.6 | Jiġu żviluppati u jinħolqu mogħdijiet dijanjostiċi aċċessibbli għall-professjonisti, biex jgħinu jiffaċilitaw id-dijanjożi tad-dimensja u s-sottokategoriji ewlenin tagħha. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien sentejn |





Il-pjanijiet għall-futur, filwaqt li persuna tkun għadha kapaċi tagħmel għażliet kritiċi dwar il-ħtiġijiet ta' kura u sapport, kif ukoll għażliet rigward il-flus u kwistjonijiet legali, huma ta' benefiċċju.

# Qasam ta' Azzjoni 4

## Ngħixu ħajja tajba bid-Dimensja

**Meta dijanjożi tikkawża bidliet fil-ħajja, jistgħu jinħassu firxa ta' emozzjonijiet, inkluż dwejjaq u sens ta' telf, kif ukoll aġġustamenti għal relazzjonijiet, rwoli, u perspettivi fuq il-ħajja. Jistgħu jidħru bidliet fil-konjizzjoni, fil-memorja, u fil-funzjonament, fost sintomi oħra. Dawn il-bidliet jista' jkollhom varjetà ta' effetti fuq il-ħajja u l-benessri tal-persuna.**



Hemm diversi modi kif nistgħu nipproteġu l-benesseri tul il-progress tad-dimensja, u matul dan iż-żmien, huma utli l-mekkaniżmi sabiex il-persuna affettwata tkun tista' tgħix l-aħjar ħajja possibbli bil-kundizzjoni. Meta nirriflettu fuq ħajjitna, nistgħu naraw kif żviluppajna bħala individwi u adattajna għall-bidliet li ltqajna magħhom. Dan iseħħ gradwalment, bħall-bidliet li jseħħu matul il-kors tad-dimensja.

Id-dinamika tar-relazzjoni, il-bidliet fir-responsabbiltajiet fi ħdan ir-relazzjonijiet, u anke t-telf tar-relazzjonijiet huma wħud mill-partijiet tal-ħajja li jistgħu jiġu influwenzati minn dijanjożi ta' dimensja. Biex persuna tgħix sew b'din il-kundizzjoni, huwa essenzjali li jinsabu soluzzjonijiet biex jittejbu l-benesseri u l-kwalità tal-ħajja għal kull min hu affettwat mid-dimensja. Huwa rikonoxxut li minkejja l-bidliet li qegħdin iseħħu, xorta għadu possibbli li jkun hemm sentimenti u esperjenzi pożittivi fil-ħajja.

Għalkemm jista' jkun diffiċli u stressanti, li persuna tkun taf kif tuża s-sistema tal-kura tas-saħħa u s-sistemi ta' sapport, huwa aspett ieħor ta' kif individwi jistgħu jgħixu tajjeb bid-dimensja. Aċċess għas-servizzi li huma l-aktar adattati għall-ħtiġijiet tiegħek, is-sapport fl-ippjanar, u li tkun taf bir-riżorsi disponibbli, kollha jistgħu jtejbu l-esperjenza ġenerali ta' kif tgħix bid-dimensja.

Diversi pajjiżi Ewropej adottaw approċċ pożittiv li jagħti sens ta' indipendenza, iffukat fuq l-għajnuna lill-persuni bid-dimensja biex jgħixu ħajja tajba bil-kundizzjoni. Madankollu, huwa evidenti li l-persuni bid-dimensja jeħtieġu sapport xieraq biex ikollhom ħajja sodisfaċenti. Dan jeħtieġ strateġija komprensiva li tqis is-sistemi soċjali u tas-saħħa, u s-soċjetà fuq skala wiesgħa. L-idea li persuna tgħix sew għandha konnotazzjonijiet differenti għal nies differenti, għalhekk huwa importanti li jintuża approċċ olistiku filwaqt li jiġu evalwati r-rekwiżiti tal-individwi u jiġu determinati l-varjabilitajiet li jaffettwaw il-benesseri tagħhom. Dan se jirriżulta f'aktar interventi u assistenza mfassla apposta u effettivi biex jgħinu lin-nies "jgħixu ħajja aħjar" bid-dimensja.

> **"Ngħix waħdi, iżda l-familja tiegħi u sħabi jżommuni taħt superviżjoni. Insajjar, naħsel il-ħwejjeġ, innaddaf id-dar, nieħu ħsieb il-pet tiegħi li tant inħobb. Verament jipproteġini meta jħoss li l-mamà mhux tħossha sew. Inħobb il-mużika għaliex tikkalmani. Naħdem il-ħin kollu biex nikseb attributi aktar pożittivi sabiex ħajti tkun iktar serena u nservi ta' strument li joħloq ferħ kbir għal ħaddieħor."**
>
> Miktub mis-Sa Rita Vella

### Razzjonal

*Il-fatt li, id-dimensja tista' tibda titqies bħala kundizzjoni li n-nies jistgħu jimmaniġġjawha u jgħixu biha, jista' jnaqqas l-istigma u jippromwovi sens aktar pożittiv ta' identità.*

## Qasam ta' Azzjoni 4: Għanijiet

| | Miżura | Partijiet ikkonċernati | Skeda taż-żmien |
|---|---|---|---|
| 4.1 | Jiġi żgurat li l-persuni li jirċievu dijanjożi tad-dimensja jkollhom aċċess għal kura ċċentrata fuq il-persuna u kkoordinata mid-Dementia Intervention Team. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien sentejn |
| 4.2 | Jiġi żgurat li s-servizzi ta' kura matul il-jum għall-persuni bid-dimensja jkunu disponibbli u aċċessibbli. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 4.3 | Jiġu segwiti l-iżviluppi internazzjonali fit-trattament farmakoloġiku u mhux farmakoloġiku tad-dimensja u tiġi kkunsidrata l-implimentazzjoni tagħhom fil-kuntest lokali. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |
| 4.4 | Jiġi esplorat l-użu tat-teknoloġija biex jiġi appoġġjat l-għajxien indipendenti fil-komunità u f'ambjenti residenzjali. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |
| 4.5 | Tingħata assistenza fil-ħolqien ta' networks ta' sapport sabiex jgħinu lill-individwi bid-dimensja u lil dawk li jieħdu ħsiebhom biex ikollhom sapport meħtieġ. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja u organizzazzjonijiet mhux governattivi.* | Fi żmien 5 snin |
| 4.6 | Issir ħidma biex jiġi żviluppat l-ippjanar għal kura avvanzata. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |





# Qasam ta' Azzjoni 5

## L-iżvilupp u edukazzjoni tal-ħaddiema

**Matul iż-żmien iktar qed tiżdied l-importanza li tinħoloq aġenda tas-saħħa pubblika sabiex il-ħaddiema li jaħdmu f'dan is-settur, ikollhom il-kapaċità u l-ħiliet biex jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja u jagħtu s-sapport meħtieġ lil persuni bid-dimensja. Dan irid isir sabiex nindirizzaw b'suċċess l-effetti kumplessi u progressivi tad-dimensja fil-livelli kollha tas-soċjetà.**



L-espansjoni tal-ħaddiema fil-kura tad-dimensja qed ikollha diffikultajiet f'termini ta' reklutaġġ, żamma, promozzjoni tal-karriera, leġiżlazzjoni, u taħriġ. F'termini ta' kurrikuli u opportunitajiet għal esperjenza prattika, il-kura tad-dimensja hija wkoll sottorappreżentata fit-taħriġ kliniku. Hemm domanda għall-edukazzjoni ġerjatrika u dwar id-dimensja f'firxa wiesgħa ta' xogħlijiet, u madankollu r-rekwiżiti ta' taħriġ speċifiċi għad-dimensja huma nieqsa u mhux uniformi.

Sakemm il-kwistjonijiet tal-ħaddiema fil-kura tad-dimensja ma jiġux indirizzati, il-kapaċità nazzjonali tagħna li nipprovdu aċċess ekwu u servizzi tas-saħħa mhux diskriminatorji lil dawn il-popolazzjonijiet vulnerabbli, se ssir aktar ristretta. Il-ġurnal Public Health Nursing (Epps F, Alexander K, Brewster GS, et al., 2020) irrapporta dwar il-kriżi tad-dimensja u l-vulnerabbiltà, filwaqt li enfasizza l-valur tal-edukazzjoni speċifika għall-popolazzjoni. Skont studju partikolari, tali edukazzjoni "tista' tgħin biex jiġu żgurati programmi u biex jiġu allokati ir-riżorsi b'mod adegwat." Studju lokali minn Sacasan N. & Scerri C. (2020) identifika nuqqas ta' għarfien profond fost il-professjonisti tal-Allied Health. Scerri C. (2021) sab li l-parteċipanti fi programmi ta' taħriġ postgradwatorji tejbu l-għarfien u l-attitudnijiet tal-istudenti lejn individwi bid-dimensja. Dan ikompli jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-programmi ta' taħriġ dwar id-dimensja permezz tal-iżvilupp tal-kurrikulu ta' qabel il-lawrja u programmi professjonali kontinwi għall-żvilupp tal-ħiliet.

Permezz tal-azzjonijiet ewlenin li ġejjin, il-pajjiż jista' jaħdem sabiex tiġi pprovduta kura ekwa, etika, effettiva u robusta lill-persuni li jgħixu bid-dimensja, lill-familji tagħhom, u lill-komunità inġenerali, filwaqt li jitnaqqas il-piż personali u l-ispejjeż tas-saħħa pubblika.

### Razzjonal

*L-għadd dejjem jikber ta' individwi bid-dimensja, jeħtieġ titjib fl-edukazzjoni, fit-taħriġ, u fis-sapport organizzattiv għall-ħaddiema f'dan is--settur. Dan se jindirizza l-bżonn ta' ħaddiema kompetenti li jistgħu jipprovdu kura ta' kwalità u komprensiva ffukata fuq il-persuni li jgħixu bid-dimensja.*

## Qasam ta' Azzjoni 5: Għanijiet

| | Miżura | Partijiet ikkonċernati | Skeda taż-żmien |
|---|---|---|---|
| 5.1 | Jiġi żgurat li t-tobba tal-familja jagħmlu t-taħriġ meħtieġ biex ikunu profiċjenti fid-dijanjożi u l-kura tad-dimensja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 5.2 | Dawk li jieħdu ħsieb il-persuni bid-dimensja se jiġu offruti valutazzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom stess. Wara se jiġi żviluppat pjan ta' sapport ma' dawn il-persuni biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet xierqa ta' sapport u taħriġ. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien sentejn |
| 5.3 | L-impjegati li jaħdmu fiċ-ċentri ta' matul il-jum tad-dimensja se jingħataw taħriġ aġġornat u avvanzat dwar il-kura tad-dimensja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien sentejn |
| 5.4 | Ser jiġu pprovduti programmi ta' taħriġ għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa u tal-kura soċjali sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw u jnaqqsu aħjar l-istress u l-eżawriment ta' dawk li jieħdu ħsieb lill-persuni bid-dimensja. Dan se jwassal biex dawn ikunu kapaċi jkomplu jwettqu d-dmirijiet tagħhom ta' kura. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |

NILĦQU LIVELLI ĠODDA 49
STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAD-DIMENSJA GĦALL-GŻEJJER MALTIN 2024-2031



Hemm domanda għall-edukazzjoni ġerjatrika u dwar id-dimensja f'firxa wiesgħa ta' xogħlijiet, u madankollu r-rekwiżiti ta' taħriġ speċifiċi għad-dimensja huma nieqsa u mhux uniformi.

# Qasam ta' Azzjoni 6

## Kura tad-dimensja

**Il-persuni li jgħixu bid-dimensja għandhom ikollhom il-libertà li jgħixu fil-lokalità tagħhom u jingħataw kura li tirrispetta l-preferenzi u x-xewqat tagħhom. Dawn jeħtieġu kura tas-saħħa integrata, iċċentrata fuq il-persuna, aċċessibbli u affordabbli, inkluż il-kura fit-tul. Dan sabiex ikunu jistgħu jżommu livell ta' kapaċità funzjonali, konsistenti mad-drittijiet bażiċi, il-libertajiet fundamentali u d-dinjità tal-bniedem. Mill-mument tad-dijanjożi sat-tmiem tal-ħajja u fl-istadji tal-luttu, il-familja u l-persuni li jieħdu ħsiebhom għandhom rwol tassew importanti fil-kontinwità tal-kura tal-persuni bid-dimensja. Jeħtieġ li s-servizzi olistiċi joffru ppjanar tal-kura bil-quddiem, assistenza, kif ukoll sapport fiżiku, emozzjonali u spiritwali għall-persuni bid-dimensja u għal dawk li jieħdu ħsiebhom.**



Mill-bidu tas-sintomi tad-dimensja sa tmiem il-ħajja, huwa essenzjali li dawk li jipprovdi l-kura, dawk li jieħdu ħsieb persuni bid-dimensja bil-ħlas u mingħajr ħlas u diversi setturi oħra involuti jikkollaboraw b'mod attiv biex jipprovdu kontinwità fil-kura. Din il-kontinwità fil-kura għandha sseħħ fl-ambjenti kollha fejn jgħixu l-individwi bid-dimensja, inkluż; id-djar tagħhom, il-komunità, id-djar tal-kura, l-isptarijiet u l-ospizji. Il-postijiet kollha jridu jipprovdu kura integrata, ibbażata fuq l-evidenza u ffukata fuq il-persuna. Scerri A., Innes A. u Scerri C. (2020) fl-istudju tagħhom identifikaw għadd ta' sfidi organizzattivi li għandhom impatt dirett fuq il-kwalità tal-kura tal-pazjenti bid-dimensja, f'faċilitajiet residenzjali tal-kura fit-tul. L-istudju ssuġġerixxa diversi soluzzjonijiet bħal titjib fit-taħriġ u l-koordinazzjoni tal-kura, it-tfassil mill-ġdid tal-ambjent tas-swali, u t-tibdil fl-istili tat-tmexxija. Studju lokali ieħor ta' Scerri A., Innes A., u Scerri C. (2020) sabu li l-ħtiġijiet bażiċi bħas-superviżjoni biex xi ħadd jagħmel il-bżonnijiet tiegħu, l-għoti tal-ikel u xorb, il-kontinenza u l-kumdità mhux dejjem ġew issodisfati f'ambjent ta' swali akuti. Barra minn hekk, l-akbar distakk bejn il-ħtiġijiet milħuqa u dawk mhux sodisfatti nstab f'persuni bid-dimensja li jew kienu taħt osservazzjoni kostanti jew inkella li ma setgħux jikkomunikaw. Ġiet perċepita u osservata li ngħatat wisq enfasi fuq dak li l-impjegati qiesu bħala ħtiġijiet ta' sikurezza, tant li wassal għad-detriment ta' ħtiġijiet oħra. Il-politiki jeħtieġ li jirrikonoxxu dawn il-limitazzjonijiet u jippjanaw kif is-servizzi jipprovdu kura ffukata fuq il-persuna.

> **"... minn mindu rċevejt id-dijanjożi, sirt inkun ħafna bid-dwejjaq. Is-sens ta' ferħ tiegħi tfarrak. Nibki kuljum u minkejja li qed nipprova nimxi 'l quddiem xi drabi nħossni li sirt ħela ta' spazju. Ħadt xokk kbir ieħor meta qaluli biex nieqaf insuq. Mill-banda l-oħra, noħroġ ma' sħabi u mal-familja. Il-weekends ħafna drabi jkunu mimlijin b'attivitajiet, u dan jgħini nnaqqas l-ansjetà."**

Miktub mis-Sa Rita Vella

### Razzjonal

*Il-ħtiġijiet u l-preferenzi ta' persuni bid-dimensja jistgħu jintlaħqu u l-awtonomija tagħhom tista' tiġi rispettata permezz ta' kura tas-saħħa integrata, kulturalment xierqa, iffukata fuq il-persuna u bbażata fuq il-komunità, kura psikosoċjali, u sapport. Il-kontribut tal-familji u ta' dawk li jieħdu ħsiebhom huwa essenzjali għall-aħjar prattiki.*

## Qasam ta' Azzjoni 6: Għanijiet

| | Miżura | Partijiet ikkonċernati | Skeda ta' żmien |
|---|---|---|---|
| 6.1 | Jiġu riveduti l-mogħdijiet għall-kura integrata għas-servizzi ta' speċjalità ġerjatriċi, newroloġiċi u psikjatriċi. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 6.2 | Titneħħa kwalunkwe limitazzjoni tal-età f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għas-servizzi tal-kura tad-dimensja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien sentejn |
| 6.3 | Issir ħidma biex jiġu stabbiliti servizzi speċjalizzati fil-kura tad-dimensja fil-komunità, f'ambjent residenzjali ta' kura akuta rijabilitazzjoni u fit-tul. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |
| 6.4 | Dawk li jieħdu ħsieb il-persuni bid-dimensja jiġu involuti fl-ippjanar tal-kura, fejn tingħata attenzjoni lix-xewqat u l-preferenzi tal-persuni bid-dimensja u l-familji tagħhom. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien sentejn |
| 6.5 | Jiżdiedu in-numru ta' sodod f'ambjenti ta' kura fit-tul li jistgħu jipprovdu kura lil persuni bid-dimensja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 6.6 | Jiġi żgurat li l-istrutturi li qed jinbnew matul is-snin li ġejjin biex jipprovdu għall-popolazzjoni li qed tixjieħ u jinkorporaw disinji favur id-dimensja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |
| 6.7 | Jiġi żgurat li l-ambjenti tal-kura fit-tul għall-persuni bid-dimensja jkollhom linji gwida li jissalvagwardjaw u jipprovdu l-aħjar kwalità tal-ħajja possibbli. Dawn il-linji gwida jeħtieġ ukoll li jiġu infurzati mill-awtoritajiet kompetenti. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 5 snin |
| 6.8 | Jiġu rikonoxxuti u implimentati approċċi ta' kura paljattiva/ta' tmiem il-ħajja għal persuni bid-dimensja fil-fażijiet avvanzati tal-kundizzjoni fl-ambjenti kollha. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |





Mill-bidu tas-sintomi tad-dimensja sa tmiem il-ħajja, huwa essenzjali li dawk li jipprovdi l-kura, dawk li jieħdu ħsieb persuni bid-dimensja bil-ħlas u mingħajr ħlas u diversi setturi oħra involuti jikkollaboraw b'mod attiv biex jipprovdu kontinwità fil-kura.

# Qasam ta' Azzjoni 7

## Ir-riċerka u s-sistemi tal-informazzjoni

**Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma essenzjali. Sabiex l-inċidenza tad-dimensja tonqos, u l-ħajjiet ta' dawk bid-dimensja jitjiebu, huwa kruċjali li jissaħħu l-infrastrutturi għas-sapport tar-riċerka u l-innovazzjoni tad-dimensja.**



Huwa kruċjali li jkun hemm sistemi fis-seħħ biex jappoġġjaw ir-reklutaġġ xieraq ta' persuni bid-dimensja, il-familji tagħhom, u dawk li jieħdu ħsiebhom fi proġetti ta' riċerka. Minħabba rati ta' suċċess aktar baxx, ħinijiet itwal ta' żvilupp, u rati aktar baxxa ta' reġistrazzjoni, l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp għad-dimensja huma ogħla minn dawk għal oqsma oħra ta' trattament. Din id-disparità timpedixxi l-investiment f'dan il-qasam.

Minbarra r-riċerka għat-trattament tad-dimensja, hemm bżonn ta' riċerka fl-oqsma tax-xjenza soċjali, is-saħħa pubblika, u r-riċerka dwar l-implimentazzjoni għall-prevenzjoni, it-tnaqqis tar-riskju, id-dijanjożi, it-trattament u l-kura.

Qegħdin jiġu segwiti dejjem aktar teknoloġiji innovattivi tas-saħħa, fil-prevenzjoni tad-dimensja, fit-tnaqqis tar-riskju, fl-identifikazzjoni bikrija, fit-trattament, fil-kura, u fis-sapport. Biex jiffaċilitaw u jassistu l-ħajja ta' kuljum ta' individwi bid-dimensja u dawk li jieħdu ħsiebhom, dawn l-innovazzjonijiet għandhom l-għan li jżidu l-għarfien, il-ħiliet, u l-istrateġiji biex persuna tkun tista' tgħix ħajja tajba. Dawn jindirizzaw ukoll b'mod speċifiku r-rekwiżiti identifikati b'mod ibbażat fuq il-fatti, l-età, is-sess, u l-kultura.

L-informazzjoni meħtieġa sabiex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati u bbażati fuq l-evidenza sabiex jittejbu s-servizzi, jeħtieġ li tiġi pprovduta permezz ta' monitoraġġ sistematiku u regolari fil-livell tal-popolazzjoni li tesperjenza sett ewlieni ta' indikaturi tad-dimensja. It-trajettorji funzjonali ta' dawk bid-dimensja, dawk li jieħdu ħsiebhom, u l-familji tagħhom jistgħu jittejbu billi jiġu żviluppati u/jew aġġornati s-sistemi ta' informazzjoni għad-dimensja. Il-ġbir ta' informazzjoni kemm mil-laqgħat ta' rutina u kemm mir-reġistrazzjoni, jeħtieġ li jitjiebu b'mod sinifikanti sabiex tiġi kondiviża informazzjoni dwar is-saħħa u dik amministrattiva minn kull laqgħa li persuna b'dimensja għandha mas-sistema tas-saħħa u tal-kura soċjali.

L-istrateġija tirrakkomanda li jiġu moħluqa sistemi ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni, bl-użu ta' bordijiet konsultattivi. Dawn jkunu jistgħu jlaqqgħu flimkien rappreżentanti minn diversi gruppi ta' partijiet interessati ewlenin bħad-Direttorat tal-Kura tad-Dimensja, L-Università ta' Malta u partijiet interessati oħra li jistgħu jikkontribwixxu.

### Razzjonal

*Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni sistematiċi tal-użu tas-sistemi tas-saħħa u tal-kura soċjali jistgħu jipprovdu l-aħjar evidenza attwalment disponibbli għat-twassil tas-servizzi. Il-progress lejn prevenzjoni, dijanjożi, trattament u kura aħjar tad-dimensja jista' jiżdied bl-implimentazzjoni effettiva tar-riċerka dwar id-dimensja skont l-għanijiet ta' riċerka rikonoxxuti u l-iżviluppi soċjali u teknoloġiċi.*

## Qasam ta' Azzjoni 7: Għanijiet

| | Miżura | Partijiet ikkonċernati | Skeda taż-żmien |
|---|---|---|---|
| 7.1 | Jiġu mħeġġa u appoġġjati studji epidemjoloġiċi dwar t-trattament tad-dimensja f'diversi ambjenti ta' kura. Dawn jeħtieġ li jużaw metodoloġija ta' riċerka inklussiva li tinkludi l-persuna bid-dimensja, il-persuni li jieħdu ħsiebhom, u l-membri tal-familja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja, Università ta' Malta.* | Fi żmien 7 snin |
| 7.2 | Jinħloq grupp ta' speċjalisti tad-dimensja interdixxiplinarji sabiex jiddiskutu u jiskambjaw sejbiet ġodda tar-riċerka u informazzjoni relevanti għall-prattika. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja, Università ta' Malta.* | Fi żmien 5 snin |
| 7.3 | Tiġi żviluppata u mħeġġa kooperazzjoni multisettorjali u sħubiji ma' nazzjonijiet oħra fil-livelli nazzjonali u internazzjonali fil-ġlieda kontra d-dimensja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja, Università ta' Malta* | Fi żmien 7 snin |
| 7.4 | Titfassal u titwettaq riċerka biex jiġu evalwati ir-rekwiżiti mhux issodisfati ta' persuni li jgħixu fil-komunità bid-dimensja, il-persuni li jieħdu ħsiebhom, u l-membri tal-familja, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati relevanti kollha. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja, Organizzazzjonijiet mhux governattivi.* | Fi żmien 7 snin |
| 7.5 | Jinħolqu proġetti ta' riċerka dwar is-sintomi fl-imġiba u psikoloġiċi tad-dimensja biex jiġu żviluppati trattamenti bbażati fuq prattika msejsa fuq l-evidenza. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja, Università ta' Malta.* | Fi żmien 7 snin |
| 7.6 | Issir ħidma biex jiġi stabbilit reġistru tad-dimensja li jkun preċiż u aġġornat, biex tittejjeb id-disponibbiltà ta' data ta' kwalità għolja u multisettorjali dwar id-dimensja. | *Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u d-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja.* | Fi żmien 7 snin |





Minbarra r-riċerka għat-trattament tad-dimensja, hemm bżonn ta' riċerka fl-oqsma tax-xjenza soċjali, is-saħħa pubblika, u r-riċerka dwar l-implimentazzjoni għall-prevenzjoni, it-tnaqqis tar-riskju, id-dijanjożi, it-trattament u l-kura.



# Nippjanaw it-triq 'il quddiem



L-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Dimensja se tiġi implimentata gradwalment matul seba' snin, bl-għan li jiġu indirizzati l-bidliet meħtieġa fis-soċjetà, fil-politika u fis-servizz, sabiex titjieb il-kwalità tal-ħajja ta' persuni li qed jgħixu bil-kundizzjoni. Din l-istrateġija toffri qafas komprensiv għal attivitajiet relatati mad-dimensja madwar il-Gżejjer Maltin, u tista' tiġi adattata minn diversi komunitajiet, organizzazzjonijiet, u gvernijiet lokali sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet partikolari tagħhom. Organizzazzjonijiet individwali li jaħdmu fil-qasam tad-dimensja, huma mħeġġa jżommu dan f'moħħhom waqt li jwettqu l-ħidma tagħhom.

Issa inħarsu lejn il-fażi ta' implimentazzjoni u huwa kruċjali li tinżamm komunikazzjoni u jkun hemm involviment mal-partijiet interessati kollha. Li persuna tifhem kif jiġu pprovduti għodod u assistenza tad-dimensja li huma kemm kulturalment sensittivi kif ukoll xierqa jiddependi mis-suċċess ta' din il-parteċipazzjoni. Fil-fatt, kull ċittadin Malti jista' jieħu azzjoni biex inaqqas ir-riskju ta' żvilupp tad-dimensja permezz ta' drawwiet tajbin għas-saħħa deskritti fl-istrateġija. Dan iwassalna biex niksbu għan komuni relatat mal-prevenzjoni tal-kundizzjoni, li huwa essenzjali għas-suċċess ta' din l-istrateġija.

Minħabba n-natura multidimensjonali tal-Istrateġija għad-Dimensja, apparti l-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, Ministeri u Segretarjati Parlamentari oħra għandhom ukoll jieħdu l-inizjattiva li jimplimentaw l-għanijiet, u r-rakkomandazzjonijiet tal-Istrateġija għad-Dimensja.
Il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva bla dubju se jkun qed imexxi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'dan id-dokument, iżda minħabba l-importanza nazzjonali tal-politika strateġika, huma meħtieġa diversi Ministeri sabiex jiżguraw il-finanzjament u l-persunal meħtieġ għall-inizjattivi li jaqgħu taħt ir-responsabilitajiet rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, l-għajnuna mill-Unjoni Ewropea hija mistennija li żżid ir-riżorsi finanzjarji wkoll.

Huwa rakkomandat li l-gvern joħloq Kumitat Inter-Ministerjali, immexxi mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, li r-responsabbiltà tiegħu tkun li jiddereġi l-proċess tal-implimentazzjoni tas-suġġerimenti fi żmien raġonevoli. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet deskritti fis-seba' taqsimiet tal-politika jitwettqu b'mod effettiv u effiċjenti, dan il-Kumitat Inter-Ministerjali ser jikkoordina u jissorvelja l-proċess ta' implimentazzjoni. Se jiżgura wkoll li l-persuni bid-dimensja, il-persuni li jieħdu ħsiebhom, u l-membri tal-familja jkunu inklużi fil-proċess ta' implimentazzjoni billi jiġu evalwati l-prijoritajiet, u jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni, skedi ta' żmien, u l-atturi ewlenin. Il-progress tal-implimentazzjoni tal-istrateġija se jiġi mmonitorjat mill-qrib mill-kumitat, u żviluppi ġodda bbażati fuq evidenza, li jistgħu jiżviluppaw f'dan il-perjodu ta' seba' snin, jistgħu jiġu implimentati wara diskussjonijiet mal-partijiet interessati.

# Referenzi

Alzheimer's Disease International. (2011). *World Alzheimer's Report. The Benefits of early diagnosis and intervention*. London: Alzheimer's Disease International.

Alzheimer's Europe. (2019). *Dementia in Europe Yearbook 2019 - Estimating the prevalence of Dementia in Europe*. https://www.alzheimer-europe.org/sites/default/files/alzheimer_europe_dementia_in_europe_yearbook_2019.pdf

Epps, F., Alexander, K., Brewster, G. S., Parker, L. J., Chester, M., Tomlinson, A., Adkins, A., Zingg, S., & Thornton, J. (2020). Promoting dementia awareness in African-American faith communities. *Public Health Nursing*, *37(5)*, 715–721.

Grant Thornton (Malta). (2018). *Dementia in Malta. Estimating the number of persons with dementia and the demand for dementia specific residential care.* Parliamentary Secretary for Persons with Disability and Active Ageing.

Formosa, M., & Scerri, C. (2020). Punching above its weight: Current and future ageing policy in Malta. *The Gerontologist*, *60(8)*, 1384-1391.

Frisoni, G. B., Boccardi, M., Barkhof, F., Blennow, K., Cappa, S., Chiotis, K., Démonet, J. F., Garibotto, V., Giannakopoulos, P., Gietl, A., Hansson, O., Herholz, K., Jack, C. R., Jr, Nobili, F., Nordberg, A., Snyder, H. M., Ten Kate, M., Varrone, A., Albanese, E., Becker, S., … Winblad, B. (2017). Strategic roadmap for an early diagnosis of Alzheimer's disease based on biomarkers. *The Lancet Neurology*, *16(8)*, 661–676. https://doi.org/10.1016/S1474-4422(17)30159-X

Livingston, G., Huntley, J., Sommerlad, A., Ames, D., Ballard, C., Banerjee, S., Brayne, C., Burns, A., Cohen-Mansfield, J., Cooper, C., Costafreda, S. G., Dias, A., Fox, N., Gitlin, L. N., Howard, R., Kales, H. C., Kivimäki, M., Larson, E. B., Ogunniyi, A., Orgeta, V., … Mukadam, N. (2020). Dementia prevention, intervention, and care: 2020 report of the Lancet Commission. *Lancet, 396(10248),* 413–446.

Loy, C.T., Schofield, P.R., Turner, A. M., & Kwok J. B. J. (2014). Genetics of dementia. *Lancet, 383(9919),* 828-840.

Muscat, M., & Scerri, C. (2018). Coping with anxiety, depression, burden and quality of life in informal primary caregivers of community-dwelling individuals with Dementia. *The Journal of Aging Research & Lifestyle, 7*, 128-135.

National Statistics Office. (2023). *Census of population and housing 2021, Final Report.* Malta: National Statistics Office.

Prince, M., Wimo, A., Guerchet, M., Ali, G. C., Wu, Y. T., & Prina, M. (2015). *World Alzheimer Report 2015. The global impact of dementia: an analysis of prevalence, incidence, cost and trends.* London: Alzheimer's Disease International.

Saccasan, N., & Scerri, C. (2020). Dementia knowledge, attitudes and training needs of speech–language pathology students and practitioners: A countrywide study. International *Journal of Language & Communication Disorders*, *55(6),* 955-970.

Scerri, A., Innes, A., & Scerri, C. (2019). Dementia care in acute hospitals—A qualitative study on nurse managers' perceived challenges and solutions. *Journal of Nursing Management, 28(2),* 399–406. https://doi.org/10.1111/jonm.12941

Scerri, A., Innes, A. & Scerri, C. (2020). Person-centered dementia care in acute hospital wards—The influence of staff knowledge and attitudes. *Geriatric Nursing, 41(3),* 215-221.

Scerri, A., Innes, A. & Scerri, C. (2020). The perceived and observed needs of patients with dementia admitted to acute medical wards. *Dementia (London)*, *19(6)*, 1997–2017.

Scerri, A., & Scerri, C. (2012a). Dementia in Malta: New prevalence estimates and projected trends. *Malta Medical Journal*, *24(3),* 21-24.

Scerri, C. (2015). *Empowering change: A national strategy for dementia in the Maltese Islands.* Parliamentary Secretariat for the Rights of Persons with Disability and Active Ageing.

Scerri, C. (2018). Dementia: Creating a Knowledge-Based Healthcare Profession. *J Prev Alzheimer's Dis*, *5(1),* 85-86. https://doi.org/10.14283/jpad.2017.43

Scerri, C. (2020). Developing a Skilled Workforce: Impact of a Postgraduate Programme on Dementia Knowledge, Attitudes and Training Needs. *The Journal of Prevention of Alzheimer's Disease*, *8(1),* 117-118.

Si-Sheng, H. (2022). Depression among caregivers of patients with dementia: Associative factors and management approaches. *World Journal of Psychiatry*, *12(1)*, 59–76. doi: 10.5498/wjp.v12.i1.59

Spiteri, C., & Scerri, C. (2019). Utilisation of services by informal caregivers of community-dwelling persons living with dementia making use of the dementia activity centres in the Maltese Islands. *Malta Journal of Health Sciences*, *6(1),* 5-13.

Vella, C. (2019). *Narratives of older lesbian and gay persons: exploring disparities within social and health care support in Malta* (Master's dissertation, University of Malta) https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/50793

World Health Organization. (2017). *Global action on public health response to dementia 2017– 2025.* Geneva: World Health Organization.

World Health Organization. (2018). *The Global Dementia Observatory - World Health Organization.* Geneva: World Health Organization.

World Health Organisation. (2018). *Towards a dementia plan: a WHO Guide.* Geneva: World Health Organization.

World Health Organization. (2023). *Dementia.* https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/dementia

World Health Organization and Alzheimer's Disease International. (2012). *Dementia: A public health priority.* Geneva: World Health Organization.

Wimo, A., Seeher. K., Cataldi, R., Cyhlarova, E., Dielemann, JL., Frisell, O., Guerchet, M., Jönsson, L., Malaha, AK., Nichols, E., Pedroza, P., Prince, M., Knapp, M., Dua, T. (2023). The worldwide costs of dementia in 2019. *Alzheimer's & dementia: the journal of the Alzheimer's Association*, *19(7)*, 2865–2873. https://doi.org/10.1002/alz.12901

Wright, T., & O'Connor, S. (2018). Reviewing challenges and gaps in European and global dementia policy. *Journal of Public Mental Health, 17(4),* 157–167.

## Noti

NILĦQU LIVELLI ĠODDA

STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAD-DIMENSJA

GĦALL-GŻEJJER MALTIN

2024-2031

Direttorat għall-Kura tad-Dimensja
Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
FXB Building, 346, Triq l-Imdina, Qormi - Malta

Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva
aacc.gov.mt / activeageing.gov.mt

Direttorat għall-Kura tad-Dimensja

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

servizz pubbliku